Malta li rridu għal uliedna.

# DISKORS TAL-BUDGET 2022

**CLYDE CARUANA**
MINISTRU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-FINANZI
U X-XOGĦOL

# Diskors tal-Baġit

# 2022

Sur Clyde Caruana
Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol
Malta
11 ta' Ottubru, 2021

Ippublikat mill-
Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol,
Triq in-Nofsinhar,
Belt Valletta
VLT 1102

Tel.: (+356) 25998259
Sit Elettroniku: http://www.mfin.gov.mt

**Dejta tal-katalogar tal-publikazzjoni**

**Malta.** Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol
Diskors tal-Baġit, 2022 / Clyde Caruana.
Valletta: Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol, 2021

ISBN: 978-99957-58-55-4

1. Baġit - Malta
I. Titlu    II. Clyde Caruana

Din il-Publikazzjoni tista' tinxtara mid-
Dipartiment tal-Informazzjoni,
3, Pjazza Kastilja,
Belt Valletta
VLT 2000

Tel.: (+356) 22001700

Mitbugħ fl-iStamperija tal-Gvern
Prezz: **€2.00**

# Werrej

paġna

1. Malta Kuraġġuża ........ 1

2. Malta B'Ruħ Soċjali ........ 5

3. Malta Bieżla ........ 26

4. Malta Ambizzjuża ........ 37

5. Malta Li Tieħu Pjaċir Tgħix Fiha ........ 55

6. Malta Moderna ........ 68

7. Malta B'Saħħitha ........ 78

8. Malta Ġusta ........ 83

9. Malta ta' Għada ........ 90

## 1. Malta Kuraġġuża

9 ta' Marzu 2020, il-ġurnata li fiha l-Italja ta' Fuq, 25 miljun ruħ, marret f'lockdown. Il-ġurnata li fiha aħna bħala Maltin, bħala Gvern kif ukoll il-bqija tal-Ewropa rrealizzajna flimkien li din il-marda li kienet qed tinfirex fiċ-Ċina, u li konna qed nisimgħu fl-aħbarijiet fuqha, issa m'għadhiex xi ħaġa 'l bogħod iżda qiegħda fostna.

Fi ftit ħin kellna nassorbu x'kien qed jiġri. Kellna naffrontaw ir-realtà ta' quddiemna. Indunajna li din kienet ser tkun l-isfida tal-ġenerazzjoni tagħna.

Fejn qatt konna nobsru li xahrejn wara li daħlet din l-amministrazzjoni konna ser naffaċċjaw sfida fejn fiha kien qed jintqal lilna li eluf ta' ħutna Maltin u Għawdxin setgħu jmutu jekk ma nagħmlu xejn u li kellna nikkonsidraw nagħlqu l-ajruport tagħna u miegħu terz tal-ekonomija tal-pajjiż.

Fejn konna nobsru li konna ser niddiskutu affarijiet bħal jekk il-pajjiż hux ser ikollu provvista ta' ikel biżżejjed, il-pajjiż minn fejn ser iġib provvista ta' ossiġnu u attrezzattura medika li mingħajrhom ħafna nies, speċjalment l-anzjani, il-ġenituri u n-nanniet tagħna, kienu ser imutu.

Id-deċiżjonijiet li dan il-Prim Ministru kellu jaffaċċja fl-ewwel mitt jum tiegħu, l-ebda Prim Ministru fl-istorja ta' Malta ma affaċċja. Jiena kburi li mhux talli ġew affrontati imma talli flimkien għamilna biċċa xogħol ferm aħjar minn pajjiżi ħafna ikbar minna.

Kieku ma konniex sodi u waqajna għall-pressjoni ta' min ried iwaqqaf pajjiż, kieku għamilna sena u nofs f'lockdown.

Kieku ħadna l-pariri ta' nies li qalulna li l-għajnuniet lin-negozji kienu flus fil-ħela, kieku llum għandna eluf ta' nies bla xogħol.

Kieku għamilna dak li għamel il-Gvern Nazzjonalista għaxar snin ilu, kieku għidnielkom ġara li ġara, kieku ħallejniekom tegħrqu u nibagħtulkom ħames bozoz id-dar.

Imma aħna m'għamilniex hekk. Il-poplu jiġġudika min ħalla lill-pajjiż waħdu u min b'daqqa ħamsin darba ikbar, kien hemm biex isalva n-negozji, il-ħaddiema u l-pajjiż.

Għax aħna konna hemm, is-suq tax-xogħol baqa' wieħed b'saħħtu. Ir-rata ta' impjiegi (20-64) f'Malta fl-2019 kienet ta' 76.8%, filwaqt li fl-ewwel kwart tas-sena 2021 din ir-rata telgħet għal 77.3%. Il-medja tar-rata tal-impjiegi fl-Unjoni Ewropea (EU27) f'dan il-perjodu naqset b'1.7 punti perċentwali, waqt li dik ta' Malta żdiedet b'0.5 punti perċentwali.

Barra minn hekk, ir-rata tal-qgħad f'Malta fl-2019 kienet ta' 3.6% u niżlet għal 3.2% f'Awissu tal-2021, filwaqt li dik tal-medja tal-Unjoni Ewropea żdiedet minn 6.7% għal 6.8%. Ir-rata tal-popolazzjoni inattiva f'Malta fl-2019 kienet ta' 24.1% li niżlet għal 23.0% fl-ewwel kwart ta' din is-sena. Dan ifisser li t-tnaqqis fir-rata tal-qgħad ma ġietx riflessa bħala żieda fir-rata tal-popolazzjoni inattiva.

Konna perfetti? Liema Gvern madwar id-dinja kien? Iżda b'mod ġenerali pajjiżna mexa bil-għaqal. Ma kienx hemm limitu għal baġit tas-saħħa. Onfqu li hemm bżonn għidnielkom, għax issa ż-żmien li nsalvaw il-ħajjiet. Forsi lanqas aħna ma napprezzaw x'kellna u x'għandna. Anke sempliċiment tmur tagħmel test tal-Covid mingħajr ma jkollok sintomi, kien b'xejn u tagħmlu mingħajr dewmien. L-istess fuq il-vaċċin, bdejna qabel kulħadd u ġejna l-aħjar fl-Ewropa.

Bħat-Tieni Gwerra Dinjija, pajjiżna bbrilla fl-iktar mumenti diffiċli. Ma nistgħu qatt inkunu grati biżżejjed lejn il-ħaddiema tas-saħħa, Maltin u mhux, il-ħaddiema fil-volontarjat li kienu ta' sapport, il-Maltin ħutna li għenu lill-ġirien anzjani tagħhom, il-ħaddiema kollha, minn kaxxiera tas-supermarket sal-korpi dixxiplinati li ħadmu f'ċirkostanzi impossibbli. Dawn in-nies ħadmu sigħat twal biex dan il-pajjiż seta' jibqa' għaddej.

Dan il-pajjiż kburi bikom u grat lejkom.

F'pajjiżi oħra kien hemm splużjoni ta' qgħad u negozji jfallu, iżda f'pajjiżna ma kienx biżżejjed li nsalvaw il-ħajja tan-nies għax ridna nsalvaw ukoll l-għejxien tan-nies.

Għalhekk dan il-Gvern nefaq €1.5 biljuni biex il-ħaddiema jżommu xogħolhom. Dan il-pajjiż ċkejken li tant l-Oppożizzjoni tgħidilna li hawn dlam, kien ta' eżempju għal pajjiżi ferm ikbar minnu anke f'dan il-qasam.

Malta li rridu nħallu lil uliedna hija Malta li wriet wiċċha waqt il-pandemija. Malta b'ruħ soċjali, Malta ħabrieka u Malta li ma tibżax.

Din kienet l-ispirazzjoni li wasslitna għal dan il-Baġit li se jkun qed iħabbar fost l-ikbar numru ta' miżuri soċjali li qatt kellu pajjiżna. Dan il-Baġit ser jiffoka fuq l-importanza tal-iżvilupp ekonomiku permezz ta' investiment fl-akbar riżors li għandu pajjiżna - il-kapital uman - in-nies. L-iżvilupp ekonomiku jrid jimxi id f'id ma' dak ambjentali u għalhekk f'dan il-Baġit ser inħabbru wkoll l-akbar pakkett finanzjarju li qatt kellu l-Gvern fil-qasam tal-ambjent u s-sostenibbiltà.

Ser inkomplu nżommu s-saħħa bħala prijorità, iżda rridu wkoll inkomplu nsaħħu l-pilastri tal-ġustizzja, tal-governanza u tas-sigurtà.

Mhux ser inwegħdukom xi ġenna fl-art imma nwegħdukom li b'ġenwinità u b'determinazzjoni ser naħdmu biex Malta li tridu tħallu lil uliedkom, nagħmluha realtà.

## 2. Malta B'Ruħ Soċjali

Aħna nemmnu li meta l-pajjiż ikun f'diffikultà mhux talli m'għandekx tieħu pjaċir tgħid li ser tgħolli l-kontijiet, imma talli d-dmir tal-Gvern huwa li jgħin f'dak il-mument ta' diffikultà u jwieżen lill-poplu.

U ngħinu u nwieżnu huwa propju dak li se nagħmlu.

Sur President, din hija lista ta' żidiet fil-qasam soċjali li l-Gvern jista' jħabbar għal dan il-Baġit:

### 2.1 Żidiet fil-pensjonijiet

Ser inżidu lill-pensjonanti kollha tas-sigurtà soċjali b'€24 miljun.

95,000 pensjonant tal-irtirar, tar-romol, tal-invalidità u dawk li jirċievu l-pensjoni mhux kontributorja tal-età ser jibbenefikaw minn żieda ta' €260 fis-sena jew €5 fil-ġimgħa li minnhom €1.75 huma ż-żieda għall-għoli tal-ħajja u €3.25 hija ż-żieda addizzjonali.

### 2.2 Żieda fl-Għajnuna tas-Supplimentari

Ma' dan inżid ngħid li ser inżidu l-għajnuna supplimentari għal dawk kollha li jirċievu dan il-benefiċċju jiġifieri pensjonanti, anzjani u anke persuni li jistgħu jkunu f'impjieg jekk ma jkollhomx tfal taħt is-16-il sena.

Persuni miżżewġa jew koppji li d-dħul tagħhom fl-2022 ma jaqbiżx l-€14,318 ser ikunu qed jirċievu żieda fil-benefiċċju li tvarja bejn €3.47 u €6.50 fil-ġimgħa skont id-dħul tagħhom.

Persuni waħidhom, inkluż romol, li d-dħul tagħhom fl-2022 ma jaqbiżx l-€10,221 ser jieħdu żieda ta' bejn €4.10 u €5.00 fil-ġimgħa.

B'kollox ser jibbenefikaw kważi 29,000 persuna bi spiża ta' €5.6 miljuni fis-sena.

Dan ifisser li biż-żieda fil-pensjoni u ż-żieda fis-supplimentari, ħafna pensjonanti ser jaraw żieda ta' 'l fuq minn €500 fis-sena. Żieda ekwivalenti ta' ċekk ieħor tal-pensjoni matul is-sena.

## 2.3 Aġġustament għat-tneħħija mit-taxxa fuq il-pensjonijiet

Ser ngħollu l-massimu ta' dħul minn pensjonijiet għal €14,318 biex mill-ġdid iż-żidiet li qed nagħtu fil-pensjonijiet ma jkunux intaxxati.

Lil dawk il-koppji b'pensjoni u għandhom komputazzjoni ta' miżżewġin ser ikomplu jgawdu minn €3,600, dħul ieħor li jkun eżentat minn ħlas ta' taxxa.

## 2.4 Aġġustament fil-pensjoni tar-romol

Ser naġġustaw b'mod gradwali r-rata tal-pensjoni tar-romol biex tkun l-istess bħal tal-konjuġi tagħhom meta jiġu nieqsa u

sussegwentement jibqgħu jieħdu ż-żidiet kollha mogħtija mill-Gvern.

B'hekk fl-2022, 12,000 pensjonant ser igawdi minn żieda massima ta' €5 fil-ġimgħa b'nefqa totali ta' €3.3 miljuni.

Dan ifisser li l-pensjonanti li jirċievu l-pensjoni tar-romol u li d-dħul tagħhom ma jaqbiżx l-€10,221 ser jirċievu bejn €10 u €15 f'żidiet fil-ġimgħa jew bejn €520 u €780 fis-sena fid-dħul tagħhom.

## 2.5 Titjib għall-pensjonanti tas-servizz

Ser inżidu għal darb'oħra b'€200 l-ammont ta' pensjoni tas-servizz li jiġi injorat fl-assessjar tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali biex b'hekk is-somma eżentata s-sena d-dieħla ser titla' għal €3,066.

Dawk il-pensjonanti tas-servizz li għandhom aktar minn 72 sena jew li matul is-sena jagħlqu 72 sena ser igawdu minn aktar titjib fil-pensjoni tas-sigurtà soċjali tagħhom billi l-parti li jkunu kkommutaw biex jieħdu s-somma tkun injorata kollha.

B'hekk ser inkunu wettaqna kompletament il-wegħda li ntejbu l-pensjonijiet tas-servizz.

Ser igawdu madwar 3,250 pensjonant tas-servizz, b'nefqa totali ta' €2.7 miljun.

## 2.6 Bonus għall-għoli tal-ħajja jitħallas sħiħ lill-pensjonanti kollha

B'mod gradwali, il-bonus għall-għoli tal-ħajja ser jibda jitħallas sħiħ lill-pensjonanti kollha li rtiraw wara l-2008.

B'hekk fl-2022, 43,000 pensjonant ser igawdu minn żieda massima ta' €2.50 fil-ġimgħa jew €130 f'sena, b'nefqa ta' €2.5 miljuni.

## 2.7 Żieda oħra għall-anzjani li ma jikkwalifikawx għall-pensjoni kontributorja

Ser nagħtu żieda ta' €150 fil-bonus annwali għal persuni li laħqu l-età tal-irtirar iżda ma jikkwalifikawx għall-pensjoni għax ma kellhomx biżżejjed kontribuzzjonijiet.

B'hekk il-bonus għal dawk li ħallsu anqas minn 5 snin bolol ser jitla' għal €400 fis-sena, u għall-persuni li ħallsu aktar minn 5 snin bolol il-bonus ser jiżdied għal €500 fis-sena.

Madwar 12,500 persuna, l-aktar nisa, ser igawdu minn din iż-żieda b'nefqa totali ta' kważi €2 miljuni.

Din ser tkun ir-raba' u l-akbar żieda f'dan il-bonus minn meta bdejna nagħtuh fl-2015.

## 2.8 Żieda fil-mediċini u trattamenti b'xejn

Il-Gvern ser ikompli jestendi l-formularju billi jinkludi:

- Mediċini tal-onkoloġija li jittrattaw diversi tipi ta' kanċer
- Trattament tal-osteoporożi li minnu jibbenefikaw madwar 20,000 pazjent
- Mediċini ġodda għat-trattament ta' mard taċ-ċirkulazzjoni li minnu jibbenefikaw madwar 7,000 pazjent
- Mediċini psikjatriċi li ser jindirizzaw il-bżonnijiet ta' madwar 5,000 pazjent u jnaqqsu t-tul ta' żmien li persuna jkollha tqatta' l-isptar fuq kura psikjatrika
- Mediċini ġodda għat-trattament tal-Fibromajalġja li minnhom jibbenefikaw madwar 2,600 benefiċjarju
- It-trattament tal-anafilassi li hija reazzjoni allerġika severa tant li potenzjalment tista' tkun ta' periklu għall-ħajja, li minnu ser jibbenefikaw madwar 1,400 pazjent. Dan it-trattament ser ikun ipprovdut fi 325 skola biex jiġi amministrat lill-istudenti f'każi t'emerġenza.
- Trattamenti għall-pazjenti li jbatu minn mard infjammatorju
- Mediċini ġodda għat-trattament tal-mard rari
- Mediċini b'xejn għall-pazjenti tal-IVF

## 2.8 Mediċini b'xejn għall-anzjani ta' 80 sena jew aktar li jirċievu l-Għajnuna Supplimentari

Mis-sena d-dieħla, ser jibdew ikunu eliġibbli awtomatikament għall-għajnuna medika bla ħlas, jew il-Karta r-Roża kif inhi aktar magħrufa, dawk l-anzjani kollha fl-età ta' 80 sena jew aktar u li jirċievu l-Għajnuna Supplimentari għax id-dħul tagħhom ikun taħt ċertu ammont.

Dan ser jibda jsir mingħajr il-ħtieġa li dawn l-anzjani joqogħdu għat-test tal-mezzi.

B’hekk madwar 4,500 anzjan jew anzjana ser jibdew jibbenefikaw minn mediċini b’xejn għall-ewwel darba.

## 2.9 Titjib fl-Għotja għal Ċittadini Anzjani

Ser inżidu b’€50 l-Għotja għall-Anzjani li għadhom jgħixu fil-komunità jew f’dar tal-anzjani privata għal dawk l-anzjani fl-età ta’ 80 sena jew aktar, biex din tiżdied għal €400 fis-sena.

Madwar 21,000 anzjan ser jibbenefikaw minn din iż-żieda bi spiża ta’ €1 miljun.

Ta’ min ifakkar li din l-għotja tibda titħallas bi €300 fis-sena meta l-anzjan jew anzjana jagħlqu l-75 sena. Min ikun qed jirċievi l-għotja li nagħtu lil min ma jikkwalifikax għal pensjoni kontributorja iżda jkun ħallas xi kontribuzzjonijiet, jirċievi ż-żewġ għotjiet flimkien.

## 2.10 Żieda fil-Bonus għal twelid ta’ tarbija jew adozzjoni

Ser inżidu l-bonus li jingħata mat-twelid ta’ tarbija jew adozzjoni li introduċejna s-sena l-oħra. Dan ser jiżdied b’€100, biex b’hekk minn €300 ser jitla’ għal €400. Madwar 4,000 ġenitur mistennija jibbenefikaw minn dan il-bonus.

## 2.11 Żieda fl-Allowance għal Tfal b’Diżabilità

Ser inżidu l-Allowance għal Tfal b’Diżabilità b’€5 li minnha jibbenefikaw madwar 1,700 familja.  Nefqa totali ta’ €0.5 miljun. B’hekk l-allowance ser togħla għal €1,560 fis-sena.

Ir-rata l-ġdida ser tkun kważi d-doppju ta' dik li kienet titħallas fl-2013. Fil-fatt fl-aħħar 8 snin u biż-żieda tas-sena d-dieħla ser inkunu żidna din l-allowance b'aktar minn €13 fil-ġimgħa jew €676 f'sena.

## 2.12 Żieda fl-Għotja għal Carer ta' persuna b'diżabilità severa

Ser inżidu wkoll l-Għotja għal Carer ta' persuna b'diżabilità severa, li introduċejna għall-ewwel darba fil-Baġit li għadda, bi €300 minn €200 għal €500.

S'issa madwar 450 ġenitur ibbenefikaw minn din l-għotja.

## 2.13 Għajnuna akbar għal persuni fuq l-Assistenzi Soċjali

Ser nagħtu l-kumpens sħiħ għall-għoli tal-ħajja għal persuni fuq l-Assistenzi Soċjali.

Dan ifisser li madwar 7,000 benefiċjarju li jirċievu l-Assistenzi Soċjali ser jibdew jieħdu ż-żieda sħiħa għall-għoli tal-ħajja u mhux b'żewġ terzi tal-kumpens għall-għoli tal-ħajja kif kienu qed jieħdu bħalissa.

Ser nintroduċu wkoll proċedura ġdida sabiex persuni li ma jkollhomx indirizz fiss u li jkunu qed jingħataw servizz professjonali mill-FSWS, jibdew jingħataw taħt skrutinju kontinwu l-Għajnuna Soċjali sabiex jiġu megħjuna aħjar fil-ħtiġijiet tagħhom sakemm jidħlu fid-dinja tax-xogħol u sabiex eventwalment ikollhom fejn jgħixu.

## 2.14 Żieda fil-benefiċċju tal-Carer at Home

Ser inżidu l-benefiċċju tal-Carer at Home minn €6,000 għal €7,000 fis-sena.

Din il-miżura ser tkompli tiffaċilita iktar anzjani sabiex jibqgħu fil-komunità filwaqt li tagħti s-sostenn lil carers informali sabiex jibqgħu attivi fid-dinja tax-xogħol.

750 persuna jibbenefikaw minn din l-iskema b'nefqa addizzjonali li tqarreb il-€1 miljun.

## 2.15 Żieda fir-rata ta' sussidju tal-iskema Home Helper of Your Choice

Ser inżidu wkoll ir-rata ta' sussidju tal-iskema Home Helper of Your Choice biex minn sussidju ta' €5.50 fis-siegħa titla' għal €7 fis-siegħa u għalhekk jiġu inċentivati biex iktar anzjani jagħżlu l-helper tagħhom.

## 2.16 Jiġu indirizzati l-inġustizzji tal-imgħoddi

Ser nallokaw ukoll madwar €11-il miljun għas-sena d-dieħla biex inkomplu nżommu kelmtna ma' dawk li sofrew inġustizzji fl-imgħoddi. Dawn il-fondi ser jiffinanzjaw għotjiet li qed jingħataw taħt tliet skemi differenti.

Dawn ser ikunu għall-eksħaddiema tax-xatt, tal-korpi, studenti ħaddiema u apprentisti li wara l-1979 daħlu mal-Gvern, għall-eksħaddiema tal-Gas Board u għall-apprentisti tal-Malta

Electricity Board li kienu ngħaqdu mal-Korporazzjoni Enemalta meta twaqqfet fl-1977.

Il-werrieta ta' persuni eliġibbli taħt it-tliet skemi jibbenefikaw ukoll mill-għotjiet.

Sur President, dawn il-miżuri li għadni kif ħabbart ifissru żieda totali ta' kważi €70 miljun.

Għal dawk li ħasbu li l-Gvern kien ser jibda jaqta' nifsu, aħna ngħidulu li mhux talli ma qtajniex nifisna imma talli għadna lanqas biss bdejna.

## 2.17 Ġustizzja ma' pensjonanti fi tqassim ta' wirt lill-ulied

Sur President,

Kull sena, skont il-liġi jitwaqqaf il-pagament ta' każijiet ta' pensjonijiet mhux kontributorji minħabba tqassim ta' wirt, speċjalment fejn ikun jittratta donazzjonijiet lill-ulied.

Ser inressqu emendi fil-liġi biex għal dawk li jkunu wirtu wara li bdew jirċievu l-pensjoni mhux kontributorja u jkunu ilhom jirċevuha għal mill-anqas ħames snin, il-limitu tal-kapital ser jitla' minn €23,300 għal €50,000 għall-miżżewġin u minn €14,000 għal €30,000 għall-persuni waħidhom.

Barra minn hekk, donazzjonijiet sa total massimu ta' €20,000 li jsiru lill-ulied b'mod formali u legali u anke donazzjoni tal-arja tal-propjetà tal-pensjonant, ser jibdew jiġu esklużi mill-kalkolu tal-kapital tal-pensjonant.

Dawn huma sitwazzjonijiet li jolqtu ftit każi fis-sena imma nemmnu li ħadd m'għandu jitħalla lura.

Din hija verament ir-ruħ soċjali ta' dan il-Gvern, Sur President.

### 2.18 L-effetti fuq il-pensjoni f'kazi ta' separazzjoni

Aħna konxji ta' sitwazzjonijiet li jsibu ruħhom fihom meta jiġu għall-pensjoni numru ta' persuni miżżewġin, speċjalment nisa, meta jisseperaw ta' eta' relattivament kbira. Dan jiġri l-aktar meta wieħed jew waħda mill-konjuġi, ħafna drabi il-mara, tkun qattgħet ħafna żmien barra mid-dinja tax-xogħol sabiex tieħu ħsieb id-dar u l-familja u allura meta tiġi għall-pensjoni ikollha l-bolol neqsin.

Il-Gvern bħalissa qiegħed jikkunsidra proposti sabiex din is-sitwazzjoni tigi ndirizzata b'mod li biha ssir ġustizzja soċjali maż-żewġ konjuġi. Qed nippjanaw li nagħtu aktar dettalji dwar dan matul is-sena li ġejja.

### 2.19 Aktar titjib għall-persuni li għadhom ma jiħdux pensjoni

Din is-sena wettaqna ġustizzja ma' aktar minn 800 persuna, fil-maġġoranza tagħhom nisa, li kkwalifikaw għal pensjoni tal-irtirar imnaqqsa billi ttieħdu inkonsiderazzjoni l-bolol li ħallsu meta kienu fl-impjieg qabel għalqu l-età ta' 19-il sena.

Minkejja dan, għad hemm madwar 1,200 persuna li ħallsu mill-anqas 10 snin bolol imma għadhom mhux intitolati għall-pensjoni għax ma ħallsux bolol minn Jannar 1979 'il quddiem. Dawn ukoll

ser jibdew jikkwalifikaw għall-ekwivalenti tal-anqas rata tal-pensjoni taż-żewġ terzi li hi ta' madwar €50 fil-ġimgħa b'nefqa totali ta' €3.2 miljun.

Se nagħtu wkoll l-opportunità lill-persuni li skont rekords uffiċjali kienu f'impjieg qabel it-twaqqif tal-Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ fl-1990 iżda ma nstabx ħjiel li tħallsu bolol sakemm damu jaħdmu, biex ikunu jistgħu jħallsu sa mhux aktar minn ħames snin bolol nieqsa għal perjodi li skont ir-rekords uffiċjali juru li kienu jaħdmu.

Barra minn hekk, persuni li jkunu laħqu l-età ta' 59 sena, li jkollhom xi kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali neqsin u li jkunu qed jirċievu l-Pensjoni tal-Invalidità, ser ikunu jistgħu jħallsu sa 5 snin ta' kontribuzzjonijiet b'lura wkoll.

## 2.20 Miżura favur ħaddiema part-time b'aktar minn impjieg wieħed

Sabiex il-ħaddiema t'issa meta jaslu biex jirtiraw ngħinuhom ikollhom pensjoni aħjar, ser nagħtuhom l-opportunità li jibdew iħallsu l-bolla tas-sigurtà soċjali fuq aktar minn xogħol part-time wieħed sa massimu ta' 40 siegħa xogħol fil-ġimgħa. Potenzjalment madwar 10,000 ħaddiem ser igawdu minn din il-miżura.

## 2.21 Ħlas ta' Għajnuna Medika lil persuni invalidi li jgħixu mal-ġenituri

Persuni taħt il-61 sena li jgħixu mal-ġenituri tagħhom u jirċievu l-Pensjoni għall-Invalidità jistgħu jibbenefikaw mill-Għajnuna

Medika jekk jissodisfaw għadd ta' kundizzjonijiet li huma l-aktar relatati mad-dħul kapitali tagħhom u tal-ġenituri. Jekk persuna tikkwalifika, il-benefiċċju jitħallas lill-ġenituri u mhux lilu jew lilha. Din l-anomalija ser titneħħa sabiex f'każi bħal dawn applikant jitqies separatament, jittieħed biss inkonsiderazzjoni d-dħul u l-kapital tiegħu jew tagħha biss, u li l-ħlas tal-benefiċċju jsir direttament lill-applikant.

## 2.22 Tneħħija tat-test tal-mezzi tad-dħul fl-assistenza għal diżabilità severa

Bis-saħħa ta' riformi f'dawn l-aħħar snin fil-qasam tad-diżabilità, il-Gvern introduċa benefiċċji ġodda u saħħaħhom b'titjib fil-kundizzjonijiet tagħhom biex ikunu ta' aktar wens għal persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom. Dan billi fost l-oħrajn daħħal tliet livelli differenti ta' benefiċċji bl-ogħla livell mhux marbut ma' test tal-mezzi.

Minkejja dan, biex wieħed jikkwalifika għaż-żewġ livelli l-oħra ta' benefiċċji għad xorta hemm rabta ma' test tal-mezzi tad-dħul li ma jkunx ġej minn impjieg. Bi pjaċir inħabbar li dan it-test tal-mezzi fuq id-dħul ser jitneħħa wkoll minn Jannar li ġej biex issa kull assistenza għal diżabilità issa mhux ser tkun marbuta mat-test tal-mezzi.

## 2.23 Persuni intitolati għal Pensjoni għal Korriment fuq ix-Xogħol

Minn Jannar li ġej ser inneħħu r-restrizzjonijiet legali għal persuni li jġarrbu diżabilità kawża ta' korriment fuq il-post tax-xogħol u li jibqgħu jaħdmu biex kemm idumu jaħdmu u jieħdu l-Pensjoni

għal Korriment fuq ix-Xogħol, dawn il-persuni ma jkollhomx tnaqqis minn benefiċċji futuri tal-mard, tal-qgħad jew ta' xi korriment fuq ix-xogħol, li jistgħu japplikaw għalihom.

## 2.24 Għajnuna lit-tfal vulnerabbli

Konxji li ħafna realtajiet soċjali jsibu ftit soljev fl-iskejjel tagħna. Il-faqar għadu jeżisti minkejja li naqas mhux bi ftit. Dmir dan il-Gvern jibqa' l-mobilità soċjali għal kulħadd iżda sakemm dak jintlaħaq ma nistgħu qatt ninjoraw lit-tfal f'dawn it-tip ta' ċirkostanzi. Għalhekk ser inkunu qed nagħtu għotja b'medja ta' €10,000 fis-sena lil kull kap ta' skola tal-istat minn Kinder sa Sekondarja b'nefqa ta' €1 miljun, u jekk hemm bżonn din tiżdied, biex jaraw li t-tfal taħt is-superviżjoni tagħhom ma jkunux neqsin minn affarijiet bħall-ikel jew riżorsi bażiċi. Ser naraw li dawn il-flus ikunu disponibbli. Nafdaw lill-kapijiet tal-iskejjel tagħna fil-ġudizzju tagħhom.

Sur President, dan ser inkunu qed nagħmluh għax nemmnu li jekk ikun hemm imqar tifel wieħed jew tifla waħda li jbatu l-ġuħ f'soċjetà relattivament affluwenti bħalma hija tagħna, inkunu fallejna fl-obbligi morali tagħna bħala bnedmin. Nemmnu fil-prinċipju li nagħtu l-qasba flok il-ħuta, iżda nemmnu wkoll li dawk vulnerabbli fostna li għandhom bżonn l-għajnuna issa, għandhom jingħataw l-għajnuna issa.

## 2.25 Tijtib fl-iskema dwar eżenzjonijiet/traħħis relatati ma' vetturi għal persuni b'diżabilità

F'dan il-baġit qegħdin jiġu proposti emendi għal żewġ kategoriji tal-iskema tal-eżenzjonijiet jew traħħis relatati ma' vetturi għal

persuni b'diżabilità dan sabiex iktar persuni bi bżonnijiet speċjali jkunu eliġibbli għal din l-iskema. Id-dettalji dwar dawn l-emendi jinsabu f'Tabella 2.1.

## 2.26 Skema għall-persuni b'diżabilità li jeħtieġu Occupational Therapy

Ser jibbenefikaw 'il fuq minn 1,300 tifel u tifla b'diżabilità minn età tat-twelid sa 5 snin li jeħtieġu s-servizz kliniku ta' Occupational Therapy. Dan ser iwassal biex tonqos il-waiting list ta' tfal li qed jistennew servizz ta' Occupational Therapy. Kull familja li taqa' f'din il-faxxa se tkun qed tirċievi numru ta' vawċers biex jintużaw f'servizz ta' occupational therapy fil-privat. B'dan il-mod ikun qed jintlaħaq l-għan ta' Early Intervention ma' tfal b'diżabilità.

## 2.27 Investiment biex aktar skejjel ikollhom Autism Units u magni Braille

Sejrin inkompli ninvestu biex ikollna aktar skejjel li jkollhom Autism Units. Sejrin ukoll ninvestu f'magni Braille biex insaħħu t-tagħlim multisensorjali u naraw kif inkabbru l-għarfien għat-tagħlim tal-lingwa tas-sinjali, anki fost l-istess studenti u l-edukaturi.

## 2.28 Investiment biex tfal b'diżabilità jibqgħu jiġu assistiti wara l-edukazzjoni post sekondarja

Ser naħdmu sabiex fuq medda ta' snin naraw li dawk is-servizzi li bħalissa qed jingħataw lil dawn l-istudenti sakemm ikunu jattendu l-edukazzjoni obbligatorja, jibqgħu jingħataw lil dawk l-istudenti li jkomplu bl-istudji tagħhom wara l-edukazzjoni post sekondarja.

### 2.29 Servizz ta’ Community Hub għall-persuni b'diżabilità

Ser ikun qed jiġi introdott ukoll servizz ta’ Community Hub ukoll fin-naħa tat-Tramuntana ta’ Malta fejn persuni b’diżabilità jistgħu jirċievu taħriġ speċjalizzat fuq aspetti diversi li għandhom x’jaqsmu mal-għejxien indipendenti.

### 2.30 Estensjoni tas-servizzi ta' psikoloġisti għall-persuni b'diżabilità u l-familjari tagħhom

Apparti minn hekk, ser tibda l-estensjoni tas-servizzi ta’ psikoloġisti għall-persuni b’diżabilità u l-familjari tagħhom sabiex tkompli tiġi ffaċilitata l-għajnuna f’waqtha u fl-inqas dewmien possibbli.

### 2.31 Xiri ta' vettura 'drive from wheelchair' inkluż taħriġ speċjalizzat lil numru ta' għalliema tas-sewqan

Ser tinxtara vettura “drive from wheelchair” sabiex persuni b’diżabilità jkollhom aċċess għal tagħlim tas-sewqan u għalhekk ikompli jitjieb il-livell ta’ indipendenza tagħhom. Ser jingħata wkoll taħriġ speċjalizzat lil numru ta’ għalliema tas-sewqan sabiex ikunu jistgħu jipprovdu dan it-taħriġ lil persuni b’diżabilità.

### 2.32 Tkomplija tal-proġett INK

Fl-2022, ser tkompli wkoll il-ħidma li nbdiet permezz tal-proġett INK, li kien parzjalment iffinanzjat mill-Fond Soċjali Ewropew sabiex ikompli jibqa’ jingħata taħriġ u opportunitajiet ta’ esperjenza ta’ xogħol bi ħlas għall-persuni b’diżabilità.

## 2.33 Aktar Investiment fir-Residenza San Vinċenz de Paul

Fir-Residenza għal Kura fit-Tul San Vinċenz de Paul, fil-Kumpless Rużar Briffa bħala parti mill-proġett ta' Day Hospital, ser tkun qed tiġi installata faċilità ta' CT Scan speċjalizzata. Dan il-proġett ser ikun qed ikompli mal-proġett li ser jitnieda f'Settembru bil-provvediment ta' magna X-Ray f'dan l-istess Kumpless. Dawn is-servizzi interdixxiplinarji ġerjatriċi ser ikunu miftuħa kemm għall-anzjani fl-istess Residenza kif ukoll għall-anzjani fil-komunità. Miżura oħra ser tara l-implimentazzjoni ta' ġnien għall-persuni bid-dimenzja fir-Residenza San Vinċenz de Paul. Fid-disinn tiegħu dan il-ġnien ser ikun qed jindirizza l-bżonnijiet speċifiċi ta' persuni fi stadji differenti ta' din il-kundizzjoni.

## 2.34 Akkomodazzjoni

### *2.34.1 Nikru Biex Nassistu*

Il-lista ta' stennija tal-Awtorità tad-Djar għal akkomodazzjoni alternattiva niżlet għal inqas minn 1,800 persuna filwaqt li naqset bin-nofs ir-rata li biha jiżdiedu applikazzjonijiet ġodda.

Dan riżultat ta' madwar 700 allokazzjoni ta' appartamenti tal-akkomodazzjoni soċjali, mill-istokk eżistenti u permezz ta' skemi li permezz tagħhom jinkrew appartamenti mingħand il-privat, bħalma hija l-iskema Nikru biex Nassistu.

Matul is-sena li ġejja dan it-total mistenni jitla' għal madwar 680 familja li ser jiġu allokati dar permezz tal-iskema Nikru Biex Nassistu.

### *2.34.2 Proġett ta' akkomodazzjoni interġenerazzjonali*

Ir-riġenerazzjoni ta' propjetà fi stat dilapitat, parti mill-programm li nbeda aktar kmieni f'din il-leġiżlatura, qiegħed iħalli l-frott. Riżultat tiegħu sa issa l-Gvern għandu aktar minn 30 appartament li qiegħed jintuża għal skop soċjali.

Barra minn hekk, tkompla l-programm ta' riġenerazzjoni, titjib u tisbiħ tal-blokok eżistenti kollha ta' akkomodazzjoni soċjali fejn sar xogħol estensiv fuq il-faċċati u l-partijiet komuni li kompla tejjeb il-livell t'għejxien tar-residenti. Dan jorbot ma' tiswijiet u manutenzjoni fuq djar privati li matul din is-sena laħqu 125 intervent u xogħlijiet li jagħmlu d-djar aktar siguri u aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità jew bi sfidi ta' mobbiltà li minnhom din is-sena sar 'il fuq minn 123 intervent.

Aktar minn hekk, fl-2022 ser jibda jopera l-ewwel programm ta' akkomodazzjoni interġenerazzjonali f'pajjiżna, li ser jakkomoda madwar 80 resident – anzjani u żgħażagħ – li wkoll qed isir f'binja li ngħatat ħajja mill-ġdid bħala parti minn dan il-programm.

### *2.34.3 Introduzzjoni ta' Care Plan*

Wasal fil-fażi finali l-programm ta' bini ta' 500 appartament minn fondi tal-Bank Ewropew tal-Investiment u l-Bank tal-Iżvilupp tal-Kunsill tal-Ewropa filwaqt li miexi b'ritmu mgħaġġel il-bini ta' kważi 700 appartament ieħor, fejn parti mill-investiment ġej mill-Fond Soċjali u tal-Iżvilupp Nazzjonali (NDSF).

Din is-sena tnieda studju minn ħdan il-Housing Development Fund dwar l-introduzzjoni ta' Care Plan, programm semi-speċifiku li jindirizza l-bżonnijiet partikolari li jwasslu lil dawn il-

persuni fi bżonn ta' akkomodazzjoni. B'hekk inkunu qed inkomplu nindirizzaw il-bżonnijiet speċifiċi, niġġieldu d-dipendenza u nippromwovu l-mobbiltà soċjali.

Qed naraw li fuq numru ta' snin din il-Care Plan tkun estiża fuq l-applikanti u l-benefiċjarji kollha ta' akkomodazzjoni soċjali.

### *2.34.4 Estensjoni tal-iskema Equity Sharing Plus*

L-Awtorità tad-Djar kienet strumentali biex żdied l-aċċess għas-suq tal-propjetà fost kategoriji ta' dħul baxx u medju. Komplew jiżdiedu l-benefiċjarji tal-iskema Equity Sharing miftuħa għal persuni li għandhom minn 40 sena 'l fuq, fejn il-Gvern jidħol għal massimu ta' 50% tal-propjetà.

Din l-iskema issa sejra tiġi estiża u ser tkun miftuħa għal persuni li għandhom minn 30 sena 'l fuq biex jiżdied l-aċċess tagħhom għas-suq tal-propjetà u jsiru sidien ta' darhom. B'hekk bħalma diġà jsir ma' persuni eliġibbli li għandhom aktar minn 40 sena, issa se jsir ma' persuni li għandhom minn 30 sena 'l fuq, il-Gvern ser jidħol għal massimu ta' 50% tal-propjetà flimkien max-xerrej.

Sadattant ser jibqgħu miftuħin skemi oħra li jgħinu liż-żgħażagħ isiru sidien ta' darhom, bħall-iskema tal-ħlas tal-10% depożitu li jsir fil-konvenju u li s'issa kellha aktar minn 200 benefiċjarju.

Ser tibqa' miftuħa wkoll l-iskema Home Assist biex persuni u koppji bi dħul baxx jirnexxilhom jieħdu self mill-bank.

Biex noffru iżjed possibbilitajiet u toroq differenti biex koppja tixtri l-propjetà tagħha, ser nesploraw il-possibbiltà biex jiġi kkreat fond b'rati vantaġġjużi u termini ta' pagamenti iżjed ħfief għal dawk il-koppji bi dħul baxx.

### *2.34.5 Investiment li jkopri l-Fondazzjoni tal-Akkomodazzjoni Affordabbli*

Il-Gvern daħal fi ftehim mal-Arċidjoċesi ta' Malta sabiex flimkien ikunu l-fundaturi tal-Fondazzjoni tal-Akkomodazzjoni Affordabbli, liema fondazzjoni ser tkun qed tiddisinja programmi ta' akkomodazzjoni affordabbli u tassigura provvista permanenti ta' akkomodazzjoni adegwata li tilħaq kategoriji differenti ta' dħul. L-aktar kategorija fil-mira ta' din il-fondazzjoni tkun dik ta' persuni li d-dħul tagħhom jaqbeż il-kriterji ta' eliġibbiltà għall-akkomodazzjoni soċjali imma li fl-istess ħin mhuwiex b'saħħtu biżżejjed biex dawn il-persuni jkunu jistgħu jaċċessaw is-suq tal-propjetà mingħajr għajnuna.

Bi qbil mal-Arċidjoċesi ta' Malta, il-Gvern ser ikun qed ipoġġi is-somma ta' €300,000 fis-sena biex ikopri l-amministrazzjoni u l-operat ta' din il-fondazzjoni.

### *2.34.6 Tnaqqis fit-taxxa fuq il-bejgħ u x-xiri tal-propjetà li tkun ġiet mikrija b'rati affordabbli*

Il-Gvern ser inaqqas ir-rata ta' taxxa bin-nofs fuq il-bejgħ jew ix-xiri tal-propjetà sal-ewwel €200,000 li tkun ġiet mikrija għal mhux inqas minn għaxar snin lill-inkwilini li jkunu eliġibbli għall-Benefiċċju tal-Kera, b'rati affordabbli maħruġa mill-Awtorità tad-Djar. Jekk din tinbiegħ lill-inkwilin stess, ma titħallasx taxxa fuq il-bejgħ u x-xiri.

Għal dawk il-propjetajiet li ilhom mikrija anqas minn għaxar snin iżda iktar minn tliet snin, b'rati affordabbli għall-użu ta' residenza primarja lill-inkwilini, it-taxxa fuq il-bejgħ u x-xiri ser titnaqqas bin-nofs.

### *2.34.7 Sussidju fuq xogħlijiet ta' adattament strutturali*

Qed ikollu impatt pożittiv l-intervent tal-Awtorità tad-Djar fis-suq fil-vesti ta' regolatur. Fil-fatt mid-dħul fis-seħħ tar-regolazzjoni tas-suq tal-kera privata fl-2020, huma aktar minn 40,000 il-kuntratti li ġew reġistrati, b'mijiet ta' tilwim riżolt f'numru limitat ta' ġranet skont il-liġi mill-Panel għar-Riżoluzzjoni ta' Tilwim dwar il-Kera fi ħdan l-Awtorità.

B'rabta mal-kirjiet ikkontrollati, il-valur tal-propjetà li fuqu hemm sussidju fuq xogħlijiet ta' adattament strutturali biex jiġi evitat periklu fi djar suġġetti għal kera ta' qabel l-1 ta' Ġunju 1995, ser jitla' għal €250,000. B'hekk ser ikun qed jingħata sussidju li jlaħħaq €25,000 u fl-istess waqt jintlaħqu aktar benefiċjarji.

### *2.34.8 Garanzija New Hope*

L-Awtorità tad-Djar, permezz ta' back-to-back guarantee ta' €3 miljun mill-Fond Soċjali u tal-Iżvilupp Nazzjonali (NDSF), qed toffri alternattiva għall-polza tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja lil persuni li minħabba kundizzjonijiet mediċi li sofrew fil-passat inkella diżabilità li jgħixu biha, ma kinux qed jingħataw u għaldaqstant ma setgħux isiru sidien ta' darhom.

## Tabella 2.1: Emendi għall-Iskema dwar Eżenzjonijiet/Traħħis Relatati ma' Vetturi bil-Mutur għal Persuni bi Bżonnijiet Speċjali

| | **Vettura ta' persuna li d-diżabilità tagħha tipprekludiha milli ssuq** | | **Vetturi ta' ġenituri (*carers*) tal-persuna bi bżonnijiet speċjali, jew membri tal-familja tal-ewwel grad ta' parentela, jew il-konjuġi ta' din il-persuna bi bżonnijiet speċjali** | |
|---|---|---|---|---|
| **Vetturi b'trażmissjoni manwali** | | | *Eżenzjoni/Traħħis annwali fuq il-liċenzja ta' ċ-ċirkolazzjoni tal-vettura* | *Nota* |
| **Vetturi b'trażmissjoni manwali bil-modifiki** | *Eżenzjoni/Traħħis fuq it-taxxa tar-reġistrazzjoni* | *€850* | | |
| | *Eżenzjoni/Traħħis mid-dazju fuq l-importazzjoni* | *€1,700* | | |
| | *Eżenzjoni/Traħħis mit-taxxa fuq il-valur miżjud* | *€1,700* | | |
| | | | *Eżenzjoni/Traħħis annwali fuq il-liċenzja ta' ċ-ċirkolazzjoni tal-vettura* | *Nota* |
| **Vetturi awtomatiċi** | *Eżenzjoni/Traħħis fuq it-taxxa tar-reġistrazzjoni* | *€1,200* | | |
| **Vetturi awtomatiċi bil-modifiki** | *Eżenzjoni/Traħħis fuq it-taxxa tar-reġistrazzjoni* | *€1,200* | *Eżenzjoni/Traħħis fuq it-taxxa tar-reġistrazzjoni* | *€1,200* |
| | *Eżenzjoni/Traħħis mid-dazju fuq l-importazzjoni* | *€2,400* | *Eżenzjoni/Traħħis mid-dazju fuq l-importazzjoni* | *€2,400* |
| | *Eżenzjoni/Traħħis mit-taxxa fuq il-valur miżjud* | *€2,400* | *Eżenzjoni/Traħħis mit-taxxa fuq il-valur miżjud* | *€2,400* |
| | | | *Eżenzjoni/Traħħis annwali fuq il-liċenzja ta' ċ-ċirkolazzjoni tal-vettura* | *Nota* |

***Nota***

*Vetturi b'trażmissjoni manwali u vetturi awtomatiċi rreġistrati wara l-1 ta 'Jannar 2009: l-ebda taxxa annwali fuq iċ-ċirkolazzjoni tal-vettura ma tapplika għall-ewwel ħames snin mis-sena tal-manifattura, u mis-sitt sena, 50% tat-taxxa annwali fuq iċ-ċirkolazzjoni tal-vettura. Dawn it-tariffi huma applikabbli għal vetturi petrol sa 180g/km emissjonijiet ta' $CO_2$ u għal karozzi diesel sa 150g/km emissjonijiet ta' $CO_2$. It-taxxa annwali fuq iċ-ċirkolazzjoni tal-vettura għandha tiġi mħallsa kollha jekk l-emissjonijiet jaqbżu dawn il-livelli msemmija.*

*Vetturi b'trażmissjoni manwali bil-modifiki u vetturi awtomatiċi bil-modifiki: l-ebda taxxa annwali fuq iċ-ċirkolazzjoni tal-vettura ma tapplika għall-ewwel ħames snin mid-data tar-reġistrazzjoni, u mis-sitt sena, 50% tat-taxxa annwali fuq iċ-ċirkolazzjoni tal-vettura. Dawn it-tariffi huma applikabbli għal vetturi petrol sa 180g / km emissjonijiet ta' $CO_2$ u għal karozzi diesel sa 150g / km emissjonijiet ta' $CO_2$. It-taxxa annwali fuq iċ-ċirkolazzjoni tal-vettura għandha tiġi mħallsa kollha jekk l-emissjonijiet jaqbżu dawn il-livelli msemmija.*

## 3. Malta Bieżla

Sur President,

Jekk hemm tema li dan il-Gvern matul dawn l-aħħar tmien snin ġab il-kredibilità fiha hija li jara kif Malta jkollha tkabbir ekonomiku b'saħħtu ħalli jinħoloq il-ġid. Il-flus biex inġibu iżjed mobilità soċjali, innaqqsu l-faqar u ninvestu fil-qasam soċjali u fis-saħħa ma jaqgħux mis-sema. Jiġu għaliex tikber l-ekonomija.

Iżda llum hemm min qed jgħidilna tajjeb li qed jinħoloq ix-xogħol u l-ġid iżda jgħidulna wkoll ejja naraw li pajjiżna jibqa' post li tieħu pjaċir tgħix fih. Dan għaliex it-tkabbir ekonomiku b'saħħtu li kellna f'dawn l-aħħar snin ġab sfidi ġodda li huma differenti minn dawk li kellna fl-2013. Għalhekk it-tkabbir ekonomiku ma jistax ikun l-uniku indikatur u l-flus ma jistgħux ikunu l-uniku kejl tas-suċċess. Hemm bżonn ikun hemm aktar enfasi fuq l-iżvilupp ekonomiku.

Għalhekk nixtieq hawnhekk nispjega d-differenza bejn it-tkabbir ekonomiku u l-iżvilupp ekonomiku ħalli nifhmu eżatt il-pjan wara dan il-Baġit. It-tkabbir ekonomiku jkejjel iż-żieda fil-produzzjoni ta' oġġetti u servizzi fl-ekonomija. Għalhekk it-tkabbir ekonomiku huwa indikatur li jkejjel iż-żieda fid-dħul nazzjonali. Dan ifisser li huwa indikatur kwantitattiv iżjed milli kwalitattiv. L-iżvilupp ekonomiku huwa indikatur li jkejjel mhux biss id-dħul Nazzjonali iżda wkoll aspetti kwalitattivi bħat-titjib fil-kwalità tal-ħajja billi jħares fost oħrajn lejn ir-rata tat-tluq kmieni mill-iskola u l-life expectancy.

F’dan il-kuntest, dan il-Baġit huwa maħsub sabiex jtejjeb l-iżvillup ekonomiku magħġun mas-sostenibbilità fl-ambjent.

## 3.1 Investiment fil-kapital uman

Sabiex pajjiż jiżviluppa ekonomikament, il-Gvern irid jinvesti fir-riżorsi li jipproduċu il-prodotti u s-servizzi. Il-fatturi tal-produzzjoni jinqasmu f'erba’ kategoriji: l-art, il-ħaddiem, il-kapital u l-intraprenditur. Dawn kollha jifformaw il-pedament tal-ekonomija.

Meta nitkellmu fuq il-kapital irridu nagħmlu distinzjoni bejn il-kapital fiżiku jiġifieri l-investiment fl-infrastruttura tal-pajjiż u l-kapital uman li jippreżenta l-ħiliet, il-livell tal-edukazzjoni u taħriġ tan-nies fis-suq tax-xogħol. Meta pajjiż jinvesti fil-ħaddiem, ikun qed jinvesti fil-kwantità ta’ dan ir-riżors. Jiġifieri ikun qed jara li jnaqqas ir-rata ta’ qgħad u jżid l-impjiegi. Iżda investiment fil-kapital uman imur lil hinn minn hekk għax huwa investiment fil-ħiliet, l-għarfien u l-esperjenza li jkollu l-ħaddiem.

Matul is-snin, dan il-Gvern investa fil-ħaddiem u riżultat t’hekk, qed nirreġistraw fost l-ogħla rati ta’ impjiegi u l-inqas rati ta’ qgħad kemm fl-istorja u anke meta mqabbel ma’ pajjiżi Ewropej.

Iżda issa jmiss li niffokaw fuq l-investiment fil-kapital uman.

Fil-pajjiżi avvanzati hemm ġirja kontra l-ħin biex l-ekonomiji jikkalibraw ruħhom għas-setturi l-ġodda tat-teknoloġija u l-ekonomija l-ħadra. It-teknoloġija u l-ekonomija l-ħadra huma l-futur. Irridu naċċettaw din ir-realtà ħalli nkunu ppreparati

għaliha. Mhux talli hekk, talli jekk ninvestu kmieni f'dawn l-oqsma nistgħu nkunu kompetittivi u aktar dinamiċi minn pajjiżi oħra. Biex nirnexxu anke f'dawn l-oqsma rridu qabel xejn ninvestu fil-ħiliet tal-ħaddiema tagħna.

Tista' tkun l-aktar pajjiż sinjur fid-dinja, iżda jekk in-nies tiegħek ma jkollhomx il-ħiliet t'għada, jintilef kollox. Pajjiżna m'għandux żejt, gass jew riżorsi minerali. Sirna dak li sirna bil-ħila u l-għaraq tal-ħaddiem Malti u Għawdxi.

### *3.1.1 Il-Politika Nazzjonali tax-Xogħol*

Ftit tal-jiem ilu nedejna l-Politika Nazzjonali tax-Xogħol il-ġdida li biha ser nibdew naffrontaw din l-isfida.

Din il-politika fiha pjan li bih ser inkunu qed ngħollu l-valur tas-siegħa xogħol tal-ħaddiem Malti u Għawdxi. Dan ser isir billi ntejbu l-ħiliet, noffru opportunitajiet ta' taħriġ, ninċentivaw lil dak li jħaddem u lill-ħaddiema nfushom biex itejbu l-ħiliet tagħhom.

Sur President qiegħed inpoġġi kopja fuq il-mejda tal-kamra.

### *3.1.2 Ċensiment tal-Ħiliet tal-Ħaddiema*

Sabiex ikollna stampa ċara u wiesgħa tal-ħiliet tal-ħaddiema f'pajjiżna, kmieni s-sena d-dieħla ser nagħmlu ċensiment Nazzjonali tal-ħiliet tal-ħaddiema. Dan iċ-ċensiment ser ikun l-ewwel wieħed tax-xorta tiegħu mhux biss f'pajjiżna iżda anke fl-Ewropa b'investiment totali ta' €2 miljun.

Biex dan iċ-ċensiment jibqa' aġġornat fil-futur, ser naraw li dan il-proċess ikun wieħed diġitali.

Xogħolna bħala Gvern imbagħad ikun li naraw li dik id-domanda ta' xogħol tiġi mimlija b'ħaddiema Maltin u Għawdxin imħarrġin għalihom.

Hekk kif jitlesta dan l-eżerċizzju ser nibdew nagħmlu digitalisation audit tal-postijiet tax-xogħol biex inkunu preparati għal din l-isfida l-ġdida.

### *3.1.3 Fond ta' Taħriġ*

Fil-Politika Nazzjonali tax-Xogħol rajna l-importanza tat-taħriġ u l-karba tal-industrija għal aktar ħiliet speċjalment dawk b'ħiliet tekniċi u speċjalizzati.

Għalhekk ser inkunu qegħdin inniedu Fond ta' taħriġ li, għall-bidu ser ikun fih €2 miljun iżda ma neskludix li jiżdied jekk ikun hemm bżonn, biex l-industrija stess tkun tista' tħarreġ lil ħaddiema bi programmi magħmula minnha. Ser inkun qiegħed niltaqa' mal-imsieħba soċjali biex inħaddmu din il-miżura flimkien u niżguraw li tkun ta' suċċess.

### *3.1.4 In-Work Benefit għal ħaddiema b'ħinijiet atipiċi*

Mis-sena d-dieħla, ser nibdew nagħtu €150 f'in-work benefit fis-sena għal dawk il-ħaddiema li għandhom paga bażika li ma teċċedix l-€20,000, li jaħdmu ħinijiet atipiċi jiġifieri, filgħaxijiet, fi tmiem il-ġimgħa u bix-xift mal-privat f'dawn is-setturi li ġejjin: akkomodazzjoni u servizzi tal-ikel, servizzi amministrattivi u ta'

sapport, manifattura, trasport u ħażna u bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut. Il-ħaddiema jridu jkunu tal-anqas ħadmu 6 xhur matul sena kalendarja f'dawn is-setturi. B'kollox ser jibbenefikaw mal-40,000 ħaddiem b'benefiċċju ekwivalenti għal madwar 10% tat-taxxa tad-dħul li jħallsu.

Dawn il-ħaddiema ser inkunu qed intuhom €6 miljun.

### *3.1.5 Aktar tnaqqis fir-rata tat-taxxa fuq id-dħul*

Din is-sena naqqasna r-rata tat-taxxa fuq id-dħul mill-overtime, fejn l-ewwel 100 siegħa ta' overtime fis-sena għal dawk b'paga bażika li ma teċċedix l-€20,000 fis-sena u li ma għandhomx pożizzjoni maniġerjali, bdiet tiġi intaxxata bil-15%.

Sabiex inkomplu nnaqqsu r-rata tat-taxxa fuq id-dħul, is-sena d-dieħla dawk il-ħaddiema li l-paga bażika tagħhom ma teċċedix €20,000 fis-sena u li ma għandhomx pożizzjoni maniġerjali, ser jibdew jiġu intaxxati bil-15% fuq l-ewwel €10,000 dħul mill-overtime.

B'din il-miżura ser inkunu qed nagħtu lill-ħaddiema €6 miljun fit-traħħis fit-taxxa tad-dħul. 'Il fuq minn 30,000 ħaddiem ser igawdi minn din il-miżura.

### *3.1.6 Aġġustament għal ħelsien mit-taxxa għal pensjonanti*

Sabiex ninkoraġixxu l-pensjonanti jibqgħu attivi u jkomplu jaħdmu wara li jilħqu l-età tal-irtirar, f'temp ta' 5 snin bis-sena d-dieħla tkun l-ewwel waħda, id-dħul mill-pensjoni mhux ser jibqa' jiġi kkalkulat bħala dħul għal fini tat-taxxa.

Dan ifisser li madwar 8,500 pensjonant li għandhom dħul ieħor mal-pensjoni se jaraw tnaqqis sostanzjali fit-taxxa li jħallsu filwaqt li 8,200 pensjonant li għandhom dħul ieħor mal-pensjoni mhux ser jibqgħu jiġu ntaxxati. Din il-miżura ser tiswa b'kollox €27 miljun.

### *3.1.7 Ir-rata tal-part-time tonqos minn 15% għal 10%*

Dan il-Gvern ser iwettaq wegħda elettorali oħra fejn ser ikompli jippremja lill-bieżel. Ser inkunu qed innaqqsu t-taxxa fuq id-dħul għall-part-timers minn 15% għal 10%.

Sur President, din hija miżura li ħafna nies ilhom jitolbu għaliha u dan il-Gvern li jwiegħed, iwettqu.

B'hekk b'din il-miżura ser inkunu qed nagħtu lil 23,000 ħaddiem €5 miljun fit-tnaqqis fit-taxxa tad-dħul.

### *3.1.8 Żieda fl-Iskema tal-In-Work Benefit*

Ċertament waħda mill-miżuri li għenu biex jinċentivaw ix-xogħol u jikber id-dħul tal-familji kienet l-In-Work Benefit li dan il-Gvern introduċa fl-2015. Dan jitħallas lill-ġenituri li jaħdmu u li għandhom tfal taħt it-23 sena.

Dan ser ikun baġit ieħor fejn ser intejbu l-In-Work Benefit. Dan ser isir billi nestendu l-limiti u nżidu r-rati għall-benefiċjarji kollha.

- Għal koppji fejn it-tnejn jaħdmu, il-limitu tad-dħul ser jitla' minn €35,000 għal €50,000 fis-sena;

- Għal koppji fejn wieħed mill-ġenituri jaħdem, il-limitu tad-dħul ser jitla' minn €26,000 għal €35,000 fis-sena;
- Għal ġenituri waħidhom li jaħdmu – il-limitu tad-dħul ser jitla' minn €23,000 għal €35,000 fis-sena.

Ir-rati minimi l-ġodda għal madwar 7,000 familja li ser jibbenefikaw mit-twessigħ tal-limiti ser ikunu ta' €200 fis-sena. Iżjed minn hekk ser inżidu wkoll ir-rati kollha eżistenti b'€100 fis-sena għal kull wild ukoll.

B'hekk ser inkunu qed nagħtu €2 miljun f'żieda lil dawn il-familji.

### *3.1.9 Żieda fit-Tax Refund*

Bi pjaċir inħabbar ukoll li t-Tax Refund li ngħatat f'dawn l-aħħar snin minn dan il-Gvern, is-sena d-dieħla mhux talli ser terġa' tingħata iżda talli ser terġa' tiżdied.

Dan mhuwiex rifużjoni għal min ħallas taxxa żejda iżda huwa pagament biex il-bieżel nippremjawh.

Iċ-ċekk issa ser ikun qed jitla' għal bejn €60 u €140 (ara Tabella 3.1) bl-ogħla rifużjoni tingħata lil dawk bl-aktar dħul baxx.

Minn din il-miżura ser jibbenefikaw 'il fuq minn 250,000 persuna b'nefqa totali ta' €24 miljun.

Pajjiżi oħra jżidu t-taxxi kif kienu jagħmlu ta' qabilna u aħna Sur President, inkomplu nagħtu lin-nies għax dan huwa Gvern għan-nies.

### *3.1.10 Ħaddiema mal-kuntratturi li jipprovdu xogħol lis-settur pubbliku*

Smajna waqt il-proċess tal-konsultazzjoni kif il-ħaddiema tal-kuntrattur u l-ħaddiema tas-settur pubbliku ma jirċivux l-istess introjtu għall-istess xogħol. Għalhekk għal dawk il-ħaddiema li huma impjegati mal-kuntratturi li jipprovdu xogħol lis-settur pubbliku, il-Gvern ser ikun qed iħallas doppju għas-sigħat ta' xogħol li jinħadmu fi ħdud. Din in-nefqa tiswa €5 miljun.

### *3.1.11 Nestendu s-servizz taċ-childcare b'xejn*

Waħda mill-isfidi li n-negozji qed jaffaċċjaw illum hija n-nuqqas ta' ħaddiema f'numru ta' setturi, minħabba l-impatt tal-pandemija u n-nuqqas ta' mobilità tal-ħaddiema. Din hija sfida li pajjiżi oħra wkoll qed jaffaċċjaw u li bħala Gvern kommessi li nindirizzaw.

Waħda mir-raġunijiet għalfejn il-Maltin u l-Għawdxin ma jaħdmux f'dawn l-oqsma hija minħabba li l-ħinijiet tax-xogħol ikunu filgħaxijiet, fi tmiem il-ġimgħa u bix-xifts.

Propju għalhekk ser inkunu qed nestendu s-servizz taċ-childcare b'xejn għal dawk il-ħaddiema li jaħdmu dawn il-ħinijiet.

### *3.1.12 Parental Leave*

Il-Gvern se jibda diskussjonijiet fuq livell ta' MCESD, sabiex is-sena d-dieħla, pajjiżna jkun f'pożizzjoni li jimplimenta d-direttiva tal-Unjoni Ewropea fuq il-parental leave u l-work-life balance.

### *3.1.13 Il-Paga Minima*

Waħda mill-iktar affarijiet li jgħidulna l-ħaddiema bi dħul baxx

hija dik li l-paga minima mhijiex biżżejjed. Fl-Unjoni Ewropea, il-paga minima ta' Malta mhijiex fost l-anqas però nifhem li biex ikollok livell ta' għejxien tajjeb u biex inżidu l-mobilità soċjali din għandha tiżdied.

Għandha tiżdied f'kuntest li n-negozji jżommu l-kompetittività u dan jista' jsir billi kif minn banda togħla l-paga minima, mill-banda l-oħra rridu naraw kif din tista' tiġi bbilanċjata bit-tnaqqis fit-taxxa tad-dħul tal-kumpaniji.

Fuq dawn it-temi matul is-sena li ġejja, il-Gvern ser ikun qed ikompli jaħdem mal-MCESD u l-istakeholders f'dawn l-oqsma biex tinstab pożizzjoni komuni għall-pajjiż li tkun ta' ġid għall-ħaddiema kif ukoll għan-negozji.

### *3.1.14 Rekwiżiti minimi skont il-liġi għal kuntratt tax-xogħol*

Biex nipproteġu ħaddiema vulnerabbli ser inniedu portal onlajn fejn fihom ser ikun hemm templates ta' kuntratti tax-xogħol. F'dawn il-kuntratti ser ikun hemm rekwiżiti u standards minimi li huma stipulati fil-liġi biex il-ħaddiema jkollhom id-drittijiet kollha tagħhom rispettati.

## 3.2 Għoli tal-ħajja

### *3.2.1 Kumpens għall-għoli tal-ħajja*

Iż-żieda għall-għoli tal-ħajja għas-sena d-dieħla ser tkun ta' €1.75 fil-ġimgħa liema żieda hija maħduma skont formula stabbilita bejn l-Imsieħba Soċjali kollha fi ħdan l-MCESD. Din iż-żieda tingħata lill-impjegati kollha, lill-pensjonanti kif ukoll lil dawk

fuq il-benefiċċji soċjali. L-istipendji tal-istudenti ser ikunu qed jogħlew pro-rata.

### *3.2.2 Mekkanizmu għall-għoli tal-ħajja għal familji vulnerabbli*

L-għoli tal-ħajja hija realtà li dan il-Gvern mhux talli mhux ser jibża' jitkellem fuqha iżda li ser naraw kif ser nindirizzaw biex fuq kollox nipproteġu lil dawk il-familji li l-aktar huma vulnerabbli għall-inflazzjoni. Inqis din l-isfida bħala prijorità u propju għalhekk fil-ġranet li ġejjin, ser niltaqgħu mal-istakeholders f'dan il-qasam biex nibdew niddiskutu mekkaniżmu ġdid li jaħdem indipendentament mill-COLA f'ċirkostanzi fejn l-inflazzjoni titla' 'l fuq sew. Dan il-piż ser iġorru l-Gvern għax nemmnu li filwaqt li għandna dejjem inħeġġu l-mobilità soċjali, għandna faxxa ta' nies li għandhom bżonn l-għajnuna issa.

## Tabella 3.1: Żieda fit-Tax Refund

| **Komputazzjoni: Singola** | | |
|---|---|---|
| **Dħul** | **Ammont** | |
| | **2021** | **2022** |
| €0 - €15,000 | €80 | €125 |
| €15,001 - €30,000 | €65 | €95 |
| €30,001 - €59,999 | €45 | €60 |
| | | |
| **Komputazzjoni: Miżżewġin** | | |
| **Dħul** | **Ammont** | |
| | **2021** | **2022** |
| €0 - €20,000 | €95 | €140 |
| €20,001 - €40,000 | €80 | €110 |
| €40,001 - €59,999 | €50 | €65 |
| | | |
| **Komputazzjoni: Ġenitur** | | |
| **Dħul** | **Ammont** | |
| | **2021** | **2022** |
| €0 - €15,000 | €90 | €135 |
| €15,001 - €30,000 | €75 | €105 |
| €30,001 - €59,999 | €45 | €60 |

## 4. Malta Ambizzjuża

Ma nistgħu qatt naċċettaw realtà fejn tfal li jagħmlu tlettax-il sena fl-edukazzjoni obbligatorja joħorġu mis-sistema mingħajr il-ħiliet neċessarji fid-dinja moderna.

Malta kienet wieħed minn dawk il-ftit pajjiżi fejn l-istudenti ftit tilfu ġranet 'il bogħod mill-bank tal-iskola fis-sena skolastika li għaddiet. Dan grazzi għal investiment ta' 'l fuq minn €30 miljun li ġew investiti f'dan ir-rigward.

Hawn wieħed ma jistax ma jirringrazzjax lill-edukaturi u dawk kollha li ħadmu biex it-tfal tagħna setgħu jkomplu jistudjaw.

### 4.1 Stipendji tal-istudenti kollha jiżdiedu b'10%

Sur President, meta dan il-Gvern jgħid li jrid ikompli jinvesti fil-ħiliet ta' wliedna sabiex dawn verament ngħinuhom jilħqu l-potenzjal tagħhom, ikun qed jagħmel hekk bil-fatti.

Għalhekk, ser inkunu qed inżidu l-istipendji tal-istudenti kollha b'10%.

### 4.2 Stipendju lill-istudenti anke jekk jaħdmu sa massimu ta' 25 siegħa fil-ġimgħa

Barra minn hekk, kull student li hu eliġibbli għall-istipendju ser ikun qed jibqa' jingħatalu anki jekk l-istudent jaħdem sa massimu ta' 25 siegħa fil-ġimgħa.

B'dawn iż-żewġ miżuri lill-istudenti ser inkunu qed intuhom żieda totali ta' €5 miljun.

## 4.3 Aktar investiment fl-Apprentistat

L-apprentistat huwa importanti għax jorbot b'mod konkret id-dinja tal-edukazzjoni mad-dinja tal-impjiegi.

Ser isir investiment biex jiżdied in-numru ta' studenti li jsibu placements ta' apprentistat mas-settur privat. Ser isir investiment biex dawn l-istudenti ikunu aktar attrezzati b'laboratorji u faċilitajiet fejn ikunu jistgħu jitħarrġu fit-teknoloġija u ħiliet li s-setturi ekonomiċi ikunu jinħtieġu.

## 4.4 Insaħħu l-istatus tal-professjoni tal-edukaturi

Tul is-sena d-dieħla ser inkunu qed naraw li tidħol fis-seħħ il-liġi l-ġdida li tirregola u tkompli ssaħħaħ l-istatus tal-professjoni tal-edukaturi. Din għandha twassal biex tagħti status aktar professjonali lill-edukaturi kollha, inkluz lil-KGEs u lil-LSEs, irrispettivament f'liema livell ta' edukazzjoni jgħallmu.

Flimkien mal-Università ta' Malta, l-MCAST u l-Istitut għall-Edukazzjoni, sejrin naraw li jissokta l-programmi ta' mentoring li jingħata lill-għalliema li jkunu għadhom kif gradwaw, u jkomplu jiżdiedu l-korsijiet biex kull edukatur ikun jista' jissokta bit-taħriġ professjonali kontinwu tul il-karriera tiegħu jew tagħha.

## 4.5 Eżamijiet tas-SEC fl-istess skejjel fejn kienu jattendu l-istudenti

Wara l-proġett pilota ta' din is-sena, għas-sena skolastika li jmiss, ser ikun hemm aktar skejjel fejn l-istudenti sejrin ikunu qed jagħmlu l-eżamijiet tas-SEC fl-istess skejjel li kienu jattendu skola u b'hekk jonqos ftit l-istress peress li l-istudenti jkunu qed jagħmlu l-eżamijiet f'ambjent li huma jafu.

Din ser isir b'investiment ta' €1 miljun u ser tgħin ħafna lil numru ta' tfal b'ċertu kundizzjonijiet għax jagħmlu l-eżamijiet tagħhom f'ambjent li draw fih.

## 4.6 Tagħlim tax-Xjenza, Teknoloġija, Inġinerija u Matematika (STEM)

Fejn jidħol it-tagħlim tax-Xjenza, it-Teknoloġija, l-Inġinerija u l-Matematika, dan il-Gvern ser ikompli jtejjeb il-faċilitajiet biex jingħata l-ogħla livell ta' tagħlim. Għalhekk, sejrin nibdew programm ta' modernizzar u investiment ta' apparat modern ġo 180 laboratorji tax-xjenza li jinsabu fl-iskejjel tagħna.

Barra minn hekk, ser inkomplu ntejbu l-infrastruttura tan-netwerk diġitali fl-iskejjel tal-istat. Dan biex jippermetti li nkunu nistgħu nużaw l-aħħar teknoloġija li teżisti f'dan il-qasam.

## 4.7 Modernizzar u Estensjonijiet ta' Skejjel

Wasal iż-żmien li ssir rinnovazzjoni fl-iskejjel tagħna li jinsabu fil-qalba tal-ibliet u rħula Maltin u Għawdxin.

Ser ninvestu biex intejbu l-infrastruttura, bħall-provvista tal-elettriku, biex inkomplu ninvestu f'titjib bħall-arja kondizzjonata fl-iskejjel.

Ser ikompli l-bini ta' skejjel ġodda fl-Imsida u r-Rabat Għawdex filwaqt li ser isiru proġetti ta' modernizzar f'Ħal Qormi, il-Mellieħa, Ħal Għaxaq kif ukoll f'numru oħrajn f'Għawdex.

### 4.8 Programmi għar-riċerka u l-innovazzjoni

Ser inkunu qed inżidu l-fondi f'diversi programmi li jaqgħu taħt il-kappa tal-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija. Ser inniedu programm ġdid imsejjaħ Go to Market. Il-programm għandu l-għan li jilħaq il-qofol ta' livell ta' teknoloġija avvanzata sabiex din tiġi kkummerċjalizzata fis-suq lokali kif ukoll dak internazzjonali.

Permezz tal-iskema Horizon Support Measures ser niffaċilitaw il-parteċipazzjoni ta' riċerkaturi u entitajiet Maltin fl-isfruttar ta' fondi minn dan il-Programm u ninkoraġġixxu aktar parteċipazzjoni. Horizon Europe joffri opportunitajiet eċċezzjonali lir-riċerkaturi Maltin biex jikkollaboraw ma' riċerkaturi ta' profil għoli u kumpaniji Ewropej u internazzjonali. Il-parteċipazzjoni f'Horizon Europe jtejjeb ukoll il-profil tar-riċerka f'Malta.

### 4.9 Investiment fil-Kapital Fiżiku

Permezz tal-miżura tal-COVID Wage Supplement, issalvagwardjajna mal-100,000 impjieg u iktar minn 16,000 kumpanija u negozju u self-employed.

Ser naraw li anke fil-fażi ta’ rkupru ma nħallux lin-negozji waħedhom u b’hekk ser noħolqu sett ta’ inċentivi ġodda.

### *4.9.1 Miżuri biex intaffu ż-żieda fil-prezzijiet tat-trasport internazzjonali*

Konxji mill-fatt li numru ta' negozji qed iżidu l-ħażna ta' prodotti importati, ser inkunu qed nestendu l-inċentiva tas-sussidju fuq il-kera fuq numru akbar ta' negozji eleġibbli. Dan ser iwassal sabiex minn issa nibdew intaffu din l-ispiża li qed jaffaċċjaw numru ta' importaturi u negozji f'pajjiżna minħabba ż-żieda internazzjonali fil-prezzijiet tat-trasport.

### *4.9.2 Ninċentivaw lill-intrapriżi jinvestu*

Ħafna gruppi ta' kumpaniji involuti f'industriji u intrapriżi differenti kellhom isostnu negozji milquta mill-Covid minn dħul magħmul permezz ta' operazzjonijiet oħra kif ukoll riservi li kienu ġejjin mix-xogħol iebes tal-passat tagħhom. Dawn l-istess entitajiet kienu diġà investew b'mod estensiv f'dawn is-setturi fis-snin preċedenti bil-ħsieb li jinħolqu iktar impjiegi u prosperità.

Sabiex ngħinu lil dawk il-gruppi ta’ kumpaniji jirkupraw, qegħdin nintroduċu skema temporanja. Skema li tippermettilhom jieħdu l-benefiċċju minn capital allowances fuq l-investimenti li saru f’dawn l-intrapriżi milquta mill-pandemija u jużawhom favur it-taxxa fuq dħul minn kumpaniji li baqgħu sostenibbli. Dan ifisser li l-benefiċċju tal-capital allowances ser ikun qed jiġi avvanzat. B'hekk jitnaqqsu l-kontijiet tat-taxxa kurrenti bl-effett li nħallu aktar flus li jerġgħu jiġu investiti mill-ġdid fl-ekonomija.

Għalhekk, gruppi ta' kumpaniji li kellhom capital allowances mhux assorbiti jew mhux użati fis-sena 2020 u 2021 minħabba telf imġarrab fil-pandemija jkunu jistgħu japplikaw  għal dan il-benefiċċju ta' tnaqqis fit-taxxa kontra kwalunkwe dħul taxxabbli minn kumpaniji oħra, li jifformaw parti mill-istess grupp, għas-sena 2021 (Sena ta' Assessjar 2022).

Mis-sena d-dieħla Malta Enterprise se tintroduċi wkoll skema li biha persentaġġ tal-profitti li jinżammu fin-negozju jiġu investiti fi proġetti eleġibbli fl-istess negozju u / jew isir investiment f'negozju ieħor, se jirċievu benefiċċju ta' taxxa sakemm l-investiment isir fi żmien sentejn mill-1 ta' Jannar 2022. Din l-assistenza se tkun qed tara li timxi skont parametri ta' assistenza għan-negozji.

Ser nintroduċu wkoll inċentivi fiskali biex inkomplu nappoġġjaw aktar investimenti innovattivi, ekoloġiċi u diġitali min-negozji kif ukoll investimenti fil-qasam soċjali.

### *4.9.3 Aktar skemi favur l-intrapriża*

Permezz ta' skemi bħal Change to Grow u Smart & Sustainable Investment, issa qed nagħtu ukoll għajnuna finanzjarja biex nixprunaw it-trasformazzjoni lejn operat iktar sostenibbli u diġitali. Dan filwaqt li l-intrapriżi li esperjenzaw telf qawwi qed nassistuhom bl-iskema ReStart.

Bi skemi differenti qed ngħinu lin-negozji jkomplu jiddeversifikaw, u nkomplu nagħtu għajnuna għall-istart-ups.

#### *4.9.4 Riforma fis-sistema ta' maħfra ta' mgħax u penalitajiet*

Dak li rnexxielna niksbu fl-oqsma soċjali, edukattivi u mediċi f'pajjiżna jista' jitħares biss jekk kulħadd jagħti sehmu fil-ħlas tat-taxxa. Għaldaqstant, inħossu li għandna nibagħtu sinjal ċar u sod illi, filwaqt li ser ngħinu lil min ġenwinament jiltaqa' ma' problemi ekonomiċi u fiskali, daqstant ieħor m'aħniex ser nittolleraw tlajjar mhux ġustifikat fil-ħlas tat-taxxa.

Għaldaqstant, nixtieq navża li s-sistema ta' maħfra ta' mgħax fuq bilanċi tat-taxxa ser tiġi kkunsidrata biss fit-termini stretti tal-proviso għar-regolament 2 tal-Avviż Legali 361 tal-2013 (SL 372.26). Għaldaqstant mhux ser tkun in-norma li kulħadd jibbenefika minn maħfra ta' mgħax.

B'effett mill-1 ta' Ġunju 2022, ir-rata ta' mgħax fuq bilanċi tat-taxxa tad-dħul u tal-VAT ser tkun ta' 7.2% fis-sena.

Il-Gvern jemmen illi għandu jsir dak kollu li hemm bżonn sabiex inħarsu l-moralità fiskali f'pajjiżna.

#### *4.9.5 L-infrastruttura industrijali*

Iż-żoni industrijali huma ta' prijorità għal pajjiżna u ser nara li jiġu investiti xejn inqas minn €470 miljun biex dawn jiġu mmodernizzati. Dan l-investiment mill-INDIS ser joħloq spazji industrijali ġodda ukoll mingħajr ma tintuża art ODZ. Investiment ġdid lokali kif ukoll dak li ġej minn barra għandu bżonn dan l-investiment biex fl-aħħar mill-aħħar ikollna impjiegi aħjar għall-ħaddiema.

Il-Life Sciences Park; Kordin Business Incubation Centre (KBIC); Ħal Far, Bulebel, Marsa, Kordin, San Ġwann u Ħal Luqa ser ikunu fost il-postijiet li ser jaraw parti minn dan l-investiment sostanzjali.

Qed ngħinu wkoll il-kumpaniji tal-manutenzjoni tal-ajruplani fi bżonnijiet infrastrutturali tagħhom kif ukoll parkeġġ fiż-żona ta' Park 4 tal-ajruport f'Ħal Farruġ, u b'hekk ikun iktar faċli għall-impjegati u l-klijenti ta' dawn il-kumpaniji li jmorru f'dawn il-faċilitajiet.

### *4.9.6 Infrastruttura tat-toroq*

Dan il-Gvern ser ikompli jtejjeb l-infrastruttura tal-gżejjer Maltin u Għawdxin sabiex pajjiżna jkun jista' jkompli jsostni l-iżvilupp ekonomiku.

Għaldaqstant, il-Gvern ser ikompli jinvesti fil-programm ta' toroq, kemm urbani kif ukoll rurali. Mill-2019 sal-lum diġà saru aktar minn 709 toroq residenzjali u rurali.

Ser ikunu qed jitkomplew ix-xogħlijiet li qed isiru fuq it-toroq arterjali li huma wkoll parti mit-Ten-T network. B'hekk sal-aħħar tas-sena jkunu tlestew numru ta' proġetti, bħas-Central Link b'investiment ta' madwar €55 miljun.

Hu ppjanat li matul is-sena li ġejja jitkomplew ix-xogħlijiet fuq il-mini ta' Ħal Kirkop u l-Airport Intersection Project (KTAIP) u l-Bypass tal-Imrieħel fost proġetti oħra infrastrutturali. Dawn il-proġetti qed jiġu kumplimentati bit-tisbiħ tal-madwar, permezz ta' tħawwil ta' siġar maturi u pjanti oħra. Fil-fatt, madwar dawn

il-proġetti infrastrutturali, tħawlu aktar minn 32,000 siġra u aktar minn 20,000 arbuxelli.

F'dak li għandu x'jaqsam ma' proġetti ta' bini ta' toroq arterjali u residenzjali f'Għawdex, tlestew madwar 34,000 metru kwadru ta' toroq ġodda, sa Settembru 2021. Fl-2022, ser jitkomplew ix-xogħlijiet fuq numru ta' toroq arterjali u residenzjali. Ser jibda wkoll ir-restawr tal-fdalijiet tal-akwadotti li jinsabu fil-konfini tar-Rabat. B'kollaborazzjoni sħiħa mal-Kunsilli Lokali, ser issir ir-riġenerazzjoni tal-pjazza ewlenija tal-Munxar u Ta' Sannat.

### *4.9.7 Infrastruttura Marittima*

Ser ikun qed isir investiment biex titjieb l-infrastruttura bħal tal-Port il-Kbir, biex b'hekk tkun użata kull rokna tal-port u jkunu jistgħu jsorġu vapuri, kemm tal-merkanzija kif ukoll dawk tat-turisti. Dan kollu ser ikun qed issir fl-isfond tal-pjan tar-riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir li ġie varat matul din is-sena.

### *4.9.8 Żona Ekonomika Esklussiva*

Fl-aħħar xhur pajjiżna beda jilleġiżla fuq kunċett ġdid biex jikseb il-potenzjal sħiħ tal-ibħra tiegħu. Bl-introduzzjoni taż-Żona Ekonomika Esklussiva ser nibdew nesploraw opportunitajiet fuq il-baħar bħall-enerġija rinnovabbli fost oħrajn.

## 4.10 Fondi Ewropej

Il-Gvern kiseb l-akbar allokazzjoni ta' Fondi Ewropej għal Malta u Għawdex fil-programm il-Ġdid ta' Fondi Ewropej 2021-2027. L-allokazzjoni taqbeż sew €2 biljun, bl-ammont ta' fondi jlaħħaq is-somma ta' €2.27 biljun.

Malta ser tibbenefika wkoll kważi €320 miljun ta' finanzjament mill-UE mill-Faċilità ta' Rkupru u Reżiljenza. F'Lulju 2021, Malta ssottomettiet il-pjan ta' kif ser jintefqu dawn il-fondi lill-Kummissjoni Ewropea. Il-Pjan ta' Rkupru u Reżiljenza ta' Malta jippreżenta taħlita ta' riformi strutturali u investimenti li għandhom l-għan li jrawmu l-irkupru mill-pandemija tal-Covid-19, kif ukoll jaċċelleraw t-transizzjonijiet lejn ekonomija u soċjetà iktar diġitali u ħadra.

## 4.11 Pjan strateġiku għas-settur tas-servizzi finanzjarji ta' Malta

F'Jannar ta' din is-sena, il-Gvern waqqaf il-MFSAC (il-Kunsill Konsultattiv għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta) li wieħed mill-għanijiet ewlenin hu li jħejji Pjan Strateġiku fit-tul għall-Industrija.

L-istrateġija nnifisha tħaddan tliet elementi. L-ewwel fosthom li tipproteġi l-industrija mill-irwiefen u maltempati kurrenti. It-tieni li tikkonsolida u ssaħħaħ l-istrutturi u s-sistemi l-iżjed importanti. It-tielet li tħeġġeġ l-industrija tattira aktar operaturi ġodda u industriji innovattivi, filwaqt li toffri lill-Maltin servizzi innovattivi iżda sikuri lokalment.

L-inizjattivi fundamentali sabiex titwettaq din l-istrateġija jinkludu s-simplifikazzjoni tal- Proċessi Regolatorji u l-Arkitettura Istituzzjonali, il-binja fil-fond tal-Infrastruttura Nazzjonali għal Ħlas ta' Pagamenti, il-Konsolidazzjoni tal-Immaniġġjar tal-Identità, it-twaqqif ta' kumitat li Jirriforma l-Liġi għas-Servizzi Finanzjarji, l-Immodernizzar tal-Istruttura tat-Taxxi f'Malta, u l-Inkoraġġiment tat-Talenti fis-Servizzi Finanzjarji. Dawn kollha

qed jiġu implimentati bl-intenzjoni li jħallu impressjoni pożittiva, effiċjenti u kredibbli fuq dak li se jużahom.

## 4.12 Identity Malta

Ġie implimentat it-titjib fil-pjattaforma elettronika tas-single permit u qed isir xogħol fuq l-estensjoni tal-pjattaforma elettronika għal ċittadini ta' nazzjonalità terza u dawk Ewropej. Issa jmiss li l-Aġenzija tkompli tinvesti biex tkun tista' toffri aktar servizzi onlajn.

Għas-sena 2022, qed isir xogħol mit-Taqsima tar-Riċerki, biex permezz ta' investiment f'sistema ġdida elettronika, nutara ser ikunu jistgħu jissottomettu n-noti b'mod diġitali, bl-użu tal-firma elettronika kwalifikata.

Identity Malta ser tkompli tipprovdi u ssaħħaħ is-servizz tal-eID bil-għan li tippromwovi aktar l-istrateġija għat-trasformazzjoni diġitali filwaqt li tnaqqas l-użu tal-karta.

## 4.13 Investiment f'niċeċ ġodda

Ser ninvestu €0.5 miljun biex, flimkien mal-istituzzjonijiet edukattivi Maltin, jitħejja taħriġ għal studenti terzjarji għal ċertifikazzjonijiet rikonoxxuti mill-industrija f'teknoloġija emerġenti.

Hemm ħafna opportunitajiet għaż-żgħażagħ tagħna f'niċeċ ekonomiċi ġodda bħall-iżvilupp tal-logħob diġitali, videogames u esports u hawnhekk ser isir investiment fl-edukazzjoni,

promozzjoni u inċentivi u ftuħ ta’ inkubatur biex nattiraw din l-industrija.

### 4.14 Tnedija ta' Seed Fund

B’kollaborazzjoni mal-Malta Enterprise u l-Università ta’ Malta, ser jitnieda Seed Fund bil-għan li nħeġġu riċerkaturi u imprendituri b’ideat innovattivi u sostenibbli sabiex jiksbu l-appoġġ finanzjarju biex jiżviluppaw dawn l-ideat.

### 4.15 Start-Up Residence Permit

Permezz tal-proposta għal mekkaniżmu ta' Start-Up Residence Permit, Malta tista' tattira iktar start-ups u intraprendituri. Apparti l-iskemi li diġa' toffri l-Malta Enterprise, tinħass il-ħtieġa li jitwaqqaf punt ta' referenza li jkun jista' jifhem aħjar il-ħtiġiet ta' dawn l-intraprendituri, u tiġi offruta l-iStart-up Visa. B'din il-visa, il-pakkett li Malta toffri jkun wieħed iktar attraenti u toffri flessibilita sabiex dawn l-istart-ups ikunu jistgħu jissetiljaw f'pajjiżna b'mod li jħalli frott, kemm għall-attivita' kummerċjali tagħhom kif ukoll għall-pajjiżna.

Il-Malta Enterprise se tkun qed taħdem mal-Malta Residency Agency biex jitwaqqaf il-programm neċessarju għal dawk li ġejjin minn barra l-Unjoni Ewropea, u li qed ifittxu bażi li toffrilhom pakkett tajjeb ta' għotjiet, benefiċċji u opportunitajiet. Persuni li jikkwalifikaw għas-sett ta' kundizzjonijiet / kriterji, ikunu jistgħu japplikaw għal dan il-permess u jirrilokaw f'pajjiżna biex jagħtu kontribut fl-ekonomija Maltija.

## 4.16 Estensjoni tal-MDB SME Tailored Facility sabiex tinkludi proġetti ħodor u sostenibbli

Sabiex inkomplu ninċentivaw l-investiment mis-settur privat fi proġetti ħodor li jixpurnaw ekonomija aktar sostenibbli ser inkunu qegħdin nestendu l-eliġibbiltà tal-SME Tailored Facility maħruġa mill-Bank Malti għall-Iżvilupp sabiex din tibda tinkludi wkoll self għal proġetti sostenibbli u ambjentali mis-settur privat innifsu.

Din il-miżura ser tkun qed tindirizza partikolarment lin-negozji żgħar u medji li jridu jiddiversifikaw l-operat u n-negozju tagħhom bi proġetti ħodor u ekoloġiċi. Dan għaliex permezz ta' din il-miżura dawn in-negozji ser ikunu jistgħu jibbenefikaw minn self b'rati attraenti sa massimu ta' €5 miljun. B'din il-miżura ser inkunu qed naġevolaw b'mod tanġibbli l-investiment dirett mis-settur privat fi proġetti li jixprunaw tkabbir ekonomiku sostenibbli u fuq kollox il-ħolqien ta' Green jobs għall-ħaddiema Għawdxin u Maltin.

## 4.17 Twaqqif tal-Blue Med Hub

Il-Malta Enterprise ser tkun qed twaqqaf il-Blue Med Hub b'diversi esperti f' dan il-qasam biex jattira startups u intrapriżi żgħar u medji, lokali u barranin. Il-Hub ser ikun qed jikkollabora ma' entitajiet mill-Afrika u Lvant Nofsani biex jiftaħ l-opportunitajiet ta' investiment f'dan is-settur.

## 4.18 Konċessjoni għat-trasferiment ta' negozji tal-familja

Bħalma għamilna fl-aħħar snin, irridu nkomplu nassistu lin-negozji tal-familja biex ikunu jistgħu jimxu 'l quddiem u nassistuhom fl-

ippjanar aħjar tan-negozju tal-familja. Għal dan il-għan ser inkunu qed nerġgħu nestendu l-konċessjoni fuq it-tnaqqis fit-taxxa tal-boll minn 5% għal 1.5% meta negozji tal-familja jiġu trasferiti intervivos lill-ulied u ġenerazzjonijiet iżgħar.

### 4.19 L-Intrapriżi soċjali

Għax nemmnu fil-kontribut li l-intrapriżi soċjali jipprovdu lill-ekonomija Maltija ninsabu fl-aħħar stadju sabiex nieħdu leġiżlazzjoni li ser tkun qed issaħħaħ lil dan is-settur illi jaħdem tant favur it-titjib fil-kwalità tal-ħajja, l-inklużjoni soċjali, is-sostenibbilità u l-protezzjoni tal-ambjent.

### 4.20 Ninvestu fit-Turiżmu

B'dispjaċir kont tara postijiet, bħall-Belt Valletta, matul il-pandemija mingħajr turisti u fejn darba kien hemm il-ħajja, kien hemm il-kwiet. Kienet sena iebsa għal dawk kollha li jaħdmu f'dan il-qasam iżda li matulha raw appoġġ sħiħ min-naħa tal-Gvern b'nefqa ta' kważi €800 miljun f'għajnuna lis-settur ta' turiżmu.

Sur President, kburi li bis-saħħa ta' din l-għajnuna, il-kollass li kienu qed jgħidulna li ser jiġri u li ħafna kienu qed ibassru, ma seħħx u minflok għandna ristoranti mimlija, lukandi li raw Sajf tajjeb u s-settur tat-turiżmu bil-mod il-mod qiegħed jirpilja.

Il-futur ta' dan il-qasam jorbot ma' kemm pajjiżna jibqa' jibrilla fil-qasam tal-Covid-19 u jkun destinazzjoni sigura għat-turisti.

Rotot ġodda tibqa' l-aktar parti importanti biex jerġa' jirpilja t-turiżmu. Fl-aħħar xhur komplew għaddejjin negozjati biex il-linji tal-ajru jerġgħu jkunu mħajra jifthu u jżidu r-rotot tagħhom.

Rajna l-linja nazzjonali tal-ajru l-Air Malta tikkonsolida r-rotot tagħha u żżid l-ajruplani operattivi f'rotot li jagħmlu l-aktar sens filwaqt li għadhom għaddejjin id-diskussjonijiet mal-Kummissjoni Ewropea fuq il-futur tal-kumpanija.

### *4.20.1 Konnettività f'Għawdex*

Biex inkomplu ntejbu il-konnettività bejn il-gżejjer Maltin u Għawdxin, ser jiġu mmodernizzati l-faċilitajiet tal-heliport fix-Xewkija.

Dan ser jikkumplimenta ħafna titjib fil-konnettività ta' Għawdex ma' Malta u lil hinn, kemm dik fiżika, bir-raba' vapur li qed jopera fil-fliegu u bl-operat ta' fast ferry service, kif ukoll dik tal-konnettività diġitali bit-tieni fibre optic cable li tlesta bejn Malta u Għawdex.

### *4.20.2 Żvilupp tal-Prodott Turistiku u Riġenerazzjoni ta' Żoni Turistiċi*

Apparti li naħdmu sabiex nistimulaw id-domanda turistika rridu naħdmu wkoll biex inkomplu nsaħħu l-offerta tagħna billi ninvestu fil-prodott turistiku. Aktar ma jkollna prodott b'saħħtu, attraenti u innovattiv aktar inkunu nistgħu nikkompetu b'suċċess u nattiraw ritorn ekonomiku aktar b'saħħtu.

F'dan il-kuntest, għadna kif waqqafna Aġenzija ġdida għar-Riġenerazzjoni taż-Żoni Turistiċi.  Din l-entità ser tkun iffukata

fuq l-ippjanar u l-implimentazzjoni ta’ proġetti maġġuri ta’ riġenerazzjoni taż-żoni turistiċi kostali u kif ukoll l-immaniġġjar ta’ dawn iż-żoni.

L-Aġenzija għar-Riġenerazzjoni taż-Żoni Turistiċi, ser tkun qed taħdem fuq numru ta’ proġetti fosthom il-Pjan Ħolistiku ta’ Riġenerazzjoni għaż-Żona tat-Tramuntana ta’ Malta li tinkludi San Pawl il-Baħar, Buġibba, il-Qawra u x-Xemxija. Proġett bħal dan jixraqlu studju u konsultazzjonijiet. Għaldaqstant ġie nnominat kumitat b'esperjenzi wiesgħa u b'involviment tal-lokal biex jiġu determinati l-istudji li huma meħtieġa qabel jiġu elenkati l-proposti b'rabta mal-pjan ta' riġenerazzjoni għal Buġibba.

## 4.21 L-Industrija tal-Films

Tul il-bidu tal-pandemija sal-lum, pajjiżna rnexxielu jattira 28 produzzjoni internazzjonali li ġġeneraw fl-ekonomija ta’ pajjiżna 'l fuq minn €91 miljun, u komplejna noħolqu aktar impjiegi. Din is-sena se tkun sena rekord għall-industrija tal-films f’pajjiżna.

Fis-sena 2022, se nkomplu naħdmu fuq il-masterplan tal-Malta Film Studios, fejn se jibda x-xogħol fuq il-bini tal-ewwel soundstage f’pajjiżna. L-għan ewlieni huwa li noħolqu karrieri b’industrija sostenibbli. Fis-sena 2022, pajjiżna se jkompli jattira films kbar li se jkomplu jimmarkaw il-pożizzjoni ta’ Malta globalment.

B’rikonoxximent għall-industrija lokali tal-films u t-televiżjoni, f’Jannar li ġej se nkunu qed norganizzaw għall-ewwel darba l-Malta Film Awards. Se nkunu qed nippremjaw it-talent u

l-kisbiet ta' dawk kollha li huma parti mill-industrija tal-films u t-televiżjoni f'Malta.

Bl-investiment li qed jagħmel il-Gvern f'din l-industrija, irridu naraw li jkun hemm industrija ta' livell għoli li tkattar karrieri tajbin.

## 4.22 Tbassir tal-andament tal-ekonomija

Sur President,

Permezz ta' dan il-pakkett ta' miżuri li għadni kif ħabbart, pajjiżna mistenni jirkupra b'rata mgħaġġla mill-impatt negattiv tal-pandemija hekk kif qed qed nipprevedu tkabbir reali ta' 6.5% u 8.6% f'termini nominali għas-sena d-dieħla.  Fis-snin 2023 u 2024, it-tkabbir reali mistenni li jkun 4.7% u 4.5%, rispettivament.

It-tkabbir ekonomiku previst għas-sena d-dieħla mistenni jkun xprunat minn domanda domestika, speċjalment mill-konsum privat li mistenni jikber b'4.0%. L-investiment kapitali tal-Gvern flimkien ma' proġetti kbar kapitali mis-settur privat ser isostnu ż-żieda fl-investiment li b'kollox mistenni jogħla bi 8.8%. Hekk kif id-domanda internazzjonali qed tissaħħaħ, l-esportazzjoni wkoll mistennija tikkontribwixxi għat-tkabbir, b'żieda ta' 6.6%, xprunata mill-irkupru fis-settur turistiku, kif ukoll is-sostenn tat-tkabbir fis-setturi diġitali, is-servizzi kummerċjali, kif ukoll tisħiħ fil-manifattura.

B'dan it-tkabbir previst, ifisser li s-sena d-dieħla qed nistennew li jkollna żieda ta' 2.2% fl-impjiegi filwaqt li l-livell tal-qgħad mistenni jibqa' relattivament baxx b'rata ta' 4.0%. Dawn iċ-ċifri

huma konsistenti ma' żieda fil-valur tal-produttività tal-ħaddiema li hija essenzjali biex issostni kemm żidiet fil-pagi tal-ħaddiema imma wkoll biex tixpruna l-investiment privat fl-ekonomija Maltija.

It-tkabbir ekonomiku mistenni jkun sostnut fis-snin ta' wara hekk kif it-tkabbir reali mistenni jkun ta' 4.7% u 4.5% fl-2023 u fl-2024, rispettivament.

# 5. Malta Li Tieħu Pjaċir Tgħix Fiha

Dan huwa Baġit li ma jibżax jiddiskuti l-isfidi reali ta' dan il-pajjiż. Wara l-bżonn ta' xogħol tajjeb u pagi tajbin, l-aktar sfida li l-poplu jridna nindirizzaw hija l-ambjent u sostenibbilità fil-kostruzzjoni.

Id-densità u ċ-ċokon tagħna jillimitaw l-ispazji ta' rikreazzjoni u allura dak li hemm għandna naraw li jkun issalvagwardjat u msebbaħ. L-impenn tagħna għal ambjent aħjar imur lil hinn mill-istqarrijiet bil-fomm. Bil-fatti qed inpoġġu l-flus neċessarji biex nixprunaw l-ambjent 'il quddiem. Qegħdin inżidu l-allokazzjoni ambjentali u dan minkejja l-impatt finanzjarju li ġabet magħha l-pandemija. Qed nagħmlu investimenti sostanzjali, biex naffaċċjaw l-isfidi tat-tibdil fil-klima u l-ekonomija l-ħadra, l-immaniġġjar tas-siti ambjentali u t-tħaddir fl-urban, fl-immaniġġjar tal-iskart, u l-ippjanar u l-kostruzzjoni sostenibbli.

## 5.1 Żvilupp Sostenibbli

Fil-qasam tal-kostruzzjoni, daqskemm huwa importanti għall-industrija l-volum, huwa importanti għall-oħrajn is-sbuħija tal-bini, l-impatt fuq il-madwar, il-mod etiku u responsabbli li wieħed għandu jibni u l-iżvilupp tal-komunità.

L-industrija taqbel ma' liċenzjar tal-kuntratturi tal-bini. Naħseb li dan huwa pass importanti, jekk ikun serju u ma jibżax jinforza, u nemmen li din il-liċenzja għandha jkollha id iebsa fuq min jabbuża. L-abbuż ma jfissirx biss il-mod ta' kif tibni, imma kif tirrispetta l-madwar u l-ġirien u fuq kollox il-ħaddiema li jaħdmu fuq is-sit.

Din il-liċenzja tista' tkun ċertifikat ta' kwalità għal min jaħdem tajjeb u lesti nikkunsidraw inċentivi għalihom. Għandna ħafna persuni li jaħdmu fil-kostruzzjoni li huma professjonali, li jridu ambjent sostenibbli u jifhmu l-bżonn li l-industrija ttejjeb ir-reputazzjoni tagħha.

L-infurzar tar-regoli f'dan il-qasam huwa importanti ħafna u nemmen li f'dawn l-aħħar snin ma sarx biżżejjed infurzar f'dan il-qasam. Din hija sfida li tmur lil hinn minn Gvern jew ieħor għax daqskemm hemm nuqqasijiet fuq din il-parti tal-kamra, hemm nuqqasijiet fin-naħa l-oħra fosthom ir-Rationalisation Plan tat-2006.

Nemmen li għandna bżonn nirriformaw dan is-settur għad-dinja moderna fejn wieħed jirriġenera propjetajiet diżabitati u jibni bi sbuħija, b'karatteristiċi tipiċi Maltin u b'kemm jista' jkun bi ħdura u b'enerġija rinnovvabli.

Propju fuq dawn il-linji, ser inkun qed inħabbar numru ta' inċentivi marbuta ma' dan il-ħsieb.

### *5.1.1 Ħelsien tat-taxxa fuq bejgħ u xiri ta' propjetà vakanti jew f'UCA jew bi stil tradizzjonali*

Għal propjetajiet li ilhom mibnija għal aktar minn għoxrin sena u huma vakanti għal aktar minn seba' snin, għal propjetajiet li huma f'UCA u għal dawk il-propjetajiet ġodda li jinbnew bi stil u arkitettura tipika u tradizzjonali Maltija, ser inkunu qed inneħħu t-taxxa tal-Capital Gains u t-taxxa tal-boll b'mod komplut fuq l-ewwel €750,000 tal-prezz tal-propjetà. Irridu naraw propjetajiet bil-galleriji u faċċati sbieħ u b'wirt Malti, il-bieb tipiku Malti u rridu

naraw riġenerazzjoni ta' dawk il-propjetajiet antiki u mitluqa. Din il-miżura tgħodd ukoll għal min bħalissa għandu l-konvenju u għadu ma għalaqx il-kuntratt.

Barra minn hekk, first time-buyers ta' dawn il-propjetajiet li għadni kif semmejt f'Malta ser jirċievu grant ta' €15,000.

### *5.1.2 Inċentivi għal koppji Għawdxin*

First-time buyers li jixtru dawn it-tip ta' propjetajiet ġewwa Għawdex ser jirċievu grant bil-valur doppju jiġifieri €30,000. Din il-miżura hija importanti biex inħeġġu iżjed żgħażagħ u koppji Għawdxin jibnu l-futur tagħhom f'Għawdex.

Dawn iż-żewġ miżuri ser jidħlu fis-seħħ mill-għada tal-Baġit għal perjodu ta' 3 snin biex nagħtu spazju għal progress gradwali.

### *5.1.3 Għotja fuq il-valur tal-VAT imħallas*

Minn għada 12 ta' Ottubru, għal dawk li ser jixtru jew li diġà għandhom dawn it-tip ta' propjetajiet ser tingħata ukoll għotja fuq il-valur tal-VAT imħallas sa massimu ta' €54,000 għal fuq l-ewwel €300,000 fi spejjeż ta' restawr u irfinar għax nifhmu li r-riġenerazzjoni ta' dawn it-tip ta' propjetajiet tiswa iżjed mill-medja u l-Gvern kommess li jgħin. Din tgħodd ukoll għal min diġa` xtara propjeta' u għaddej bir-restawr.

Sabiex dawn il-miżuri ma jkollhomx element spekulatorju u verament jitgawdew mill-familji ser naraw li jiġu introddoti numru ta' regoli fosthom li l-propjetà ma tistax tiġi diviża.

Ser inkunu qed nestendu għal sena oħra l-iskemi ta' tnaqqis fit-taxxa tal-boll għall-first-time buyers, second time buyers u x-xiri ta' propjetà f'Għawdex filwaqt li miżuri li kienu eżistenti sabiex jittaffa l-impatt tal-pandemija fuq dan is-settur ser jintemmu hekk kif kien stipulat jiġifieri f'Ġunju ta' 2022.

### *5.1.4 Żieda fl-Investiment fl-Awtorità għall-Bini u Kostruzzjoni*

L-Awtorità għall-Bini u l-Kostruzzjoni li twaqqfet din is-sena ser ikollha taħt umbrella waħda l-entitajiet Governattivi relatati mal-industrija tal-Bini u l-Kostruzzjoni: l-Uffiċċju għar-Regolament tal-Bini, il-Bord tal-Bennejja u l-Bord għar-Regolament tal-Bini.

Permezz ta' din l-Awtorità rridu nassiguraw li f'pajjiżna, l-attività kollha relatata mal-kostruzzjoni ssir skont standards rigorużi u li l-binjiet tagħna jkunu ta' livell tajjeb.

Is-sena d-dieħla ser tkun sena li ser tara l-pubblikazzjoni tal-abbozz ta' dak imsejjaħ 'Document F' li Perit juża biex iħejji l-pjanta tal-Building Envelope u li abbażi tiegħu inġinier iħejji l-pjanti tal-Building Services għall-istess imkien. Dan ser iwassal biex ladarba jkun konkluż u approvat, il-bini tagħna jibda jaħli anqas enerġija.

Il-Gvern jibqa' impenjat li tul l-2022 ikollna l-ewwel Kodiċi tal-Bini fir-rigward ta' xogħlijiet ta' twaqqigħ, skavar u bini li ser jinkorpora fih attenzjoni partikolari fejn jirrigwarda Drittijiet ta' Terzi. Mhux biss, iżda biex ikun assigurat li tali Kodiċi jibda jaħdem kif għandu jkun, l-Awtorità ser tmexxi 'l quddiem leġiżlazzjoni li permezz tagħha ser ikollna l-persuna tal-Construction Project

Manager fuq lant tax-xogħol li jkun jista' jassigura li dak stipulat jitwettaq bl-aktar mod professjonali kif għandu jkun.

### *5.1.5 Ippjanar intelliġenti għal ambjent urban xieraq*

L-Awtorità tal-Ippjanar ser tintroduċi politika dwar l-estetika flimkien ma' miżuri li jħeġġu żvilupp aktar komprensiv, uniformi u li jirrispetta aħjar l-ambjent urban ta' pajjiżna.

Barra minn hekk, l-Awtorità tal-Ippjanar applikat għal fondi Ewropej sabiex tniedi Built Heritage Restoration Scheme, li permezz tagħha ser inkunu nistgħu nagħtu ħajja ġdida lill-binjiet storiċi.

### *5.1.6 Afforestazzjoni*

Ftit tal-ġimgħat ilu numru ta' periti ressqu proposta interessanti mibnija fuq xogħol li qed isir mill-Gvern dwar afforestazzjoni tal-Park tal-Inwadar li jestendi min-naħa tax-Xgħajra saż-Żonqor u bbażat fuq Management Plan għal Park tal-Inwadar sas-sena 2027.

Din hija żona li fiha hemm art agrikola, art privata u partijiet oħra fejn jistgħu jiġu esplorati l-possibbiltajiet kollha biex jintlaħaq l-għan ta' afforestazzjoni f'dan il-Park.

Aħna kommessi li nattwaw il-proposta sabiex nirrijabilitaw meded ta' art f'dan il-Park filwaqt li jsir it-tħawwil ta' eluf ta' għexieren ta' siġar ġodda addattati għat-tipoloġija tal-inħawi. L-għan ta' dan il-proġett huwa li mhux biss tingħata dehra estetika differenti fid-dehra ta' Malta kif tidher fuq il-mappa imma ser iwassal ukoll

biex nagħmlu dan il-Park Nazzjonali, park b`masġar li jkun akbar minn dak tal-Buskett u li jkun jista' jitgawda minn kulħadd u jservi wkoll bħala attrazzjoni turistika.

Dan il-proġett ser jinħadem fuq medda ta' 5 snin b'investiment ta' €20 miljun li jaċċerta wkoll s-sostenibbilità tiegħu b'mod partikolari fl-immaniġġjar tal-ilma u anke l-ħarsien tal-bijodiversità tal-Inwadar. Ser naħdmu mal-imsieħba kollha ħalli anke huma jkunu jistgħu jagħtu kontribut u jkunu parteċipi fis-suċċess ta' dan il-proġett. Dan jinkludi bdiewa, raħħala u persuni oħra li jużaw regolarment dan il-park.

## 5.2 L-istrateġija għal Żvilupp Ekonomiku Newtrali għall-Karbonju

Biex nassiguraw progress kostanti skont kif tipprovdi l-Low Carbon Development Strategy, se nwaqqfu Bord ta' Monitoraġġ li ser jissorvelja l-implimentazzjoni tal-istrateġija u jirrapporta dwar l-andament b'mod regolari.

### *5.2.1 Spazji ħodor f'żoni urbani, ġonna u parks*

Fix-xhur li għaddew ħabbarna u bdejna nimplimentaw proġetti ta' tħaddir urban; inizjattiva sabiex fiċ-ċentri urbani tagħna noħolqu, b'mod kreattiv, spazji miftuħa, siguri u mħaddra. Il-proġetti li ser ikunu qed inwettqu f'Ħaż-Żabbar, f'Ħal Qormi, fil-Ħamrun u fil-Mosta qed isiru b'investiment kapitali mill-Gvern u b'finanzjament mill-Fond Soċjali u ta' Żvilupp Nazzjonali (NDSF). Ser inkunu qed nagħmlu ukoll provvediment sabiex, ladarba jitlestew, dawn il-proġetti jibqgħu jinżammu fi stat tajjeb ta' manutenzjoni.

Se naraw li l-Ġnien ta’ San Anton, fi żmien qasir, jiġi msebbaħ kif jixraqlu.

Ser inkomplu għaddejjin bi proġetti tal-ġonna vertikali (green walls), ġonna fuq soqfa (green roofs) bħal dak li qed isir fuq il-Liċeo San Ġorġ Preca u tisbiħ ta’ ġonna bħal Ġnien Romeo Romano, Ġnien Spencer u Ġnien Belveder.

Tkompliet ukoll il-ħidma dwar l-proġett tat-tisqif tat-Triq Reġjonali f’Santa Venera li għaliha hemm bżonn investiment ta’ għexieren ta’ miljuni ta’ ewro. Diġa` għamilna numru ta’ studji, fosthom dawk ġeotekniċi u issa l-Gvern qed jesplora kif dan il-proġett jista’ jsir potenzjalment f’public-private partnership.

Bl-istess mod il-Gvern ser ikompli bl-istudji tiegħu biex jesplora l-pedonizzazzjoni permanenti f'forma ta’ ġnien matul it-Triq Sant’Anna fil-Furjana.

Ser nibdew, fost l-oħrajn, ir-restawr tal-Ġonna f’diversi lokalitajiet u restawr ta’ diversi pjazez u spazji miftuħa fil-qalba tal-lokalità. Qed naħdmu wkoll fuq spazji akbar bħalma huma l-Park tal-Familja f’Bengħajsa u r-riġenerazzjoni tal-Park tal-Familja f’Marsaskala, Ġnien Kottoner u l-Park ta’ San Klement f’Ħaż-Żabbar.

Matul is-sena 2022, il-Gvern ser ikompli jirrijabilita l-widien, biex jiġu mneħħija speċi invażivi, jiġu rrestawrati il-ħitan u jitħawlu s-siġar indiġeni.

Se jitnieda wkoll proġett pilota biex joħloq ġonna komunitarji f'lokalitajiet differenti, bil-għan li r-residenti jkunu jistgħu jkabbru ħxejjex, frott u fjuri.

Ser tintensifika l-ħidma biex ikunu kompluti diversi fażijiet mill-proġett tal-Park Nazzjonali ġewwa Ta' Qali. Sa tmiem din is-sena, għandhom ikunu kompluti l-fażijiet tal-Concert Area and Formal Garden kif ukoll l-Adventure Park. Matul is-sena li ġejja hu ppjanat li jsiru l-fażijiet li jinkludu l-carpark kif ukoll is-cycling u l-jogging track. Dan hu l-akbar spazju miftuħ li qed jingħata biex jitgawda mill-pubbliku, fejn l-ispazju miftuħ ser jikber b'aktar minn 60 grawnd tal-futbol, ser jitħawlu aktar minn 60,000 siġar maturi ġodda, kif ukoll ser ikun hemm aktar minn 86,000 metri kwadri ta' landscaping. Ser ikun qed jibda x-xogħol fuq Drainage and Potable Water Treatment Plant li jammonta għal madwar €4 miljun biex jissupplixxi l-ilma għall-park sabiex dan ikun sostenibbli.

Il-Gvern qed jippjana wkoll li l-grawnd tas-Schreiber f'Pace Grasso jinbidel fi spazju miftuħ għall-komunità, fejn spazju ta' 12,000 metru kwadru ser jinbidel fi spazju edukattiv fejn ser jitħawlu aktar minn 165 siġra, 2,500 arbuxell u 1,500 pjanta ornamentali.

### *5.2.2 Tnedija ta' proġett biex ngħinu kumpaniji Maltin jinvestu fi proġetti ambjentali sostenibbli*

Sur President, aħna rridu li bħalma qed jiġri barra minn xtutna, aktar investituri privati jkunu jistgħu jagħżlu jallokaw il-kapital tagħhom lejn kumpaniji Maltin li qed jinvestu fi proġetti

ambjentalment sostenibbli, li jsaħħu l-progress soċjali u l-governanza fin-negozju.

Għal dan il-għan, fil-ġimgħat li ġejjin, ser inniedu proġett sabiex ngħinu lill-kumpaniji Maltin jevalwaw l-impatt ambjentali jew soċjali ta' dawn il-proġetti. Din l-informazzjoni ser tkun aċċessibbli b'mod pubbliku sabiex investituri privati jkunu jistgħu jinvestu direttament f'ishma jew bonds ta' dawn il-kumpaniji li jilħqu il-kriterji ambjentali, soċjali u ta' corporate governance.

Apparti milli jinċentiva l-investiment privat f'dawn l-intrapriżi Maltin, dan il-proġett ser iħeġġeġ aktar kumpaniji Maltin jintegraw il-kriterji ta' ESG bħala parti mill-investimenti tagħhom. Proċess indispensabbli sabiex pajjiżna jilħaq l-ambizzjoni ta' ekonomija ħielsa mill-karbonju sal-2050.

### *5.2.3 Investiment għall-intrapriżi sostenibbli*

Magħquda ma' dan, ser nibdew il-proċess biex entitajiet pubbliċi u privati jkunu jistgħu jinvestu fi proġetti ħodor u ambjentali bil-għan li jinħoloq surplus fil-krediti tal-Karbonju li jistgħu mbagħad b'mod voluntarju jinxtraw minn entitajiet pubbliċi jew privati oħra bil-għan li jilħqu l-miri tal-karbonju tagħhom.

### *5.2.4 Ir-restawr, il-konservazzjoni u l-monitoraġġ tas-siti protetti*

Bi sħubija bejn l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi u Ambjent Malta, ser inkomplu bit-twettiq tal-Management Plans tas-Siti Natura 2000 fejn ser inkomplu nwettqu interventi ta' konservazzjoni tal-abitat naturali. Dawn jinkludu fost oħrajn it-tħawwil ta' siġar u arbuxelli indiġeni, il-bini ta' ħitan tas-sejjieħ,

ir-restawr ta' bjar u ġwiebi eżistenti, l-installazzjoni ta' sistemi ta' irrigazzjoni u anke l-implimentazzjoni ta' sistemi ta' sorveljanza u tat-tifi tan-nar.

Ser ikun hemm intensifikazzjoni ta′ interventi ta' din ix-xorta fuq diversi siti, fosthom dawk fejn ix-xogħol inbeda diġà bħal Kemmuna, il-Magħluq ta' Marsaskala, iż-żona tal-Victoria Lines u l-Għadira s-Safra.

#### *5.2.5 Proġett ta' restawr tal-ħitan tas-sejjieħ f'Għawdex*

Għaddejja preżentament l-implimentazzjoni ta' proġett ta' restawr jew bini mill-ġdid ta' ħitan tas-sejjieħ madwar Għawdex kollu b'fondi Ewropej li jlaħħqu 'l fuq minn €10 miljun, sabiex f'numru ta' lokalitajiet Għawdxin jitranġaw 'l fuq minn 30 kilometru ta' ħitan tas-sejjieħ li maż-żmien iġġarrfu u li fil-preżent jinsabu fi stat dilapidat.

### 5.3 Sostenibbilita'

It-tħaddir tal-pajjiż jorbot mal-prinċipji tas-sostenibbilità u l-bidliet li rridu nagħmlu biex l-impatt tagħna fuq l-ambjent jiġi mminimizzat u eventwalment pajjiżna jiġi newtrali mill-karbonju. Dan kollu jagħmel sens mhux mil-lat morali biss iżda anke ekonomikament.

#### *5.3.1 Skemi għall-użu tal-enerġija nadifa*

Il-Gvern jibqa' kommess li jibqa' jinvesti fis-settur tal-enerġija biex joffri liċ-ċittadini servizz effiċjenti u affordabbli. Sabiex nassiguraw stabbilità, nindirizzaw it-tibdil fil-klima u nkomplu

ntejbu l-kwalità tal-arja, ser inkomplu ninvestu f'enerġija diversifikata, effiċjenti, u rinovabbli.

Matul din is-sena, il-Gvern kompla jimplimenta skemi u miżuri li jwasslu għall-produzzjoni u użu aktar effiċjenti tal-enerġija, inkluż enerġija rinnovabbli bħal pannelli, solar water heaters u heat pumps.

Għas-sena d-dieħla wkoll ser inkomplu ngħinu b'aktar skemi għall-investimenti f'pannelli fotovoltajiċi flimkien ma' batteriji għall-ħażna tal-enerġija. Ser tingħata wkoll l-għotja fuq restawr ta' bjar domestiċi u fuq ix-xiri ta' solar water heaters u heat pump water heaters. L-iskemi tar-restawr ta' bjar fi djar residenzjali, l-iskema ta' tibdil u xiri ta' reverse osmosis, ukoll se jiġu estiżi.

Is-sena dieħla ser inkomplu noffru house visits b'xejn biex familji l-aktar vulnerabbli jiġu ggwidati kif jużaw id-dawl u t-tibdil fil-home appliances tagħhom għal dawk aktar effiċjenti. Dan huwa abbinat ma' kampanja informattiva dwar teknoloġiji effiċjenti għall-użu fid-djar, b'aktar informazzjoni ta' x'qed joffri dan il-Gvern.

### *5.3.2 Skemi għall-għaqdiet volontarji u sportivi biex jinvestu f'enerġija effiċjenti*

Kif wegħedna fil-Manifest Elettorali, għinna bosta organizzazzjonijiet sportivi u għaqdiet volontarji sabiex jinvestu f'enerġija alternattiva sabiex inaqqsu l-konsum tal-enerġija. Sal-2021 kien hemm 61 organizzazzjonijiet li bbenefikaw minn din l-iskema. It-tielet sejħa ħarġet ftit tal-ġimgħat ilu. Għas-sena

d-dieħla ser nerġgħu noħorġu l-iskemi għall-għaqdiet volontarji u sportivi biex jinvestu f'enerġija effiċjenti.

#### *5.3.3 Il-proġett tax-shore-to-ship*

Irridu nkomplu ninvestu fi proġetti li jagħtu lill-poplu arja iktar nadifa, għalhekk jissokta l-proġett tax-shore-to-ship fil-Port il-Kbir, filwaqt li issa ser ikunu ppubblikati wkoll is-sejħiet għall-offerti b'rabta mal-proġett shore-to-ship fil-Port Ħieles.

### 5.4 Tnedija ta' żewġ proġetti relatati ma' batteriji għall-ħażna tal-enerġija rinnovabbli

Wara s-suċċess tal-proġett pilota ta' batteriji għall-ħażna tal-enerġija rinnovabbli fiċ-Ċentru edukattiv l-Għajn, l-Aġenzija għall-Enerġija u l-ilma ser tniedi żewġ proġetti oħra f'binjiet pubbliċi sabiex tiġi esebita l-applikazzjoni ta' din it-teknoloġija f'Malta.

### 5.5 Fond biex binjiet tal-Gvern jiġu mgħammra b'sistemi ta' pannelli solari

Nemmnu li l-Gvern għandu jkun ta' eżempju għall-qalba lejn l-enerġija rinnovabli. Għalhekk ser nallokaw fondi biex fejn huwa teknikament possibbli, il-binjiet tal-Gvern jiġu mgħammra b'sistemi ta' pannelli solari, biex b'hekk parti sostanzjali tal-konsum tal-Gvern tkun ipprovduta minn sorsi rinnovabbli.

### 5.6 Installazzjoni ta' dawl ġdid u effiċjenti fit-toroq tal-Belt Valletta

Mill-iżgħar sal-akbar proġett, irridu li l-ġonna u l-ispazji miftuħa

jkunu awtosufficjenti fl-immaniġġjar tal-ilma u bl-installazzjoni ta' dawl minn enerġija rinnovabbli.

Matul l-2022, ser issir l-installazzjoni ta' dawl ġdid u effiċjenti fit-toroq tal-Belt Valletta, inkluż fuq binjiet ta' interess u faċċati ta' knejjes. Matul it-tieni fażi, il-proġett ser ikun qed jara disinn u installazzjoni ġdida ta' dwal mar-ring road tal-Belt u żoni pedonali.

## 5.7 Skema ta' Żvilupp Sostenibbli fil-komunitajiet permezz tal-Kunsilli Lokali

Biex insaħħu l-kunċett ta' żvilupp Sostenibbli fil-komunitajiet tagħna, ser inkunu qed nallokkaw fondi biex Kunsilli Lokali jwettqu proġetti f'dan il-qasam. Dan ser isir permezz ta' 'Designing Sustainable Localities Competition' fejn ser ikunu jistgħu jitressqu proposti b'għanijiet tanġibbli li jilħqu l-miri tal-iżvilupp sostenibbli fuq livell lokali u jindirizzaw it-tibdil fil-klima. Sabiex nirrikonoxxu l-ħidma ta' min qed ikun katalist fit-tibdil tal-klima, l-iżvilupp tal-ekonomija l-ħadra u ċirkolari u l-prosperità, se nvaraw is-Sustainable Development Awards.

## 5.8 Tqassim ta' starter-kit bi prodotti sostenibbli għat-trabi

Sabiex anke l-ġenituri jkunu parteċipi, ser inkunu qed inqassmu starter-kit bi prodotti sostenibbli għat-trabi lill-ġenituri li jkollhom wild ġdid.

# 6. Malta Moderna

## 6.1 Trasport Pubbliku b'xejn għal kulħadd

Sur President, dan il-Gvern dejjem ipprovda miżuri li jaħsbu għal soluzzjonijiet prattiċi sabiex problemi perannali jiġu indirizzati. Wasal iż-żmien li nagħmlu l-pass li jmiss fil-qasam tat-trasport ġewwa pajjiżna sabiex nibdew nindirizzaw il-konġestjoni tat-traffiku. Wara d-diżastru li għamel ħaddieħor, konna aħna li bħala Gvern daħħalna l-bon sens ta' kif jitħaddem it-trasport pubbliku f'pajjiżna. Issa wasalna biex nagħmlu l-qabża li jmiss.

Sur President, jien dejjem tgħallimt li jekk ser nagħmel xi ħaġa, nagħmilha sew mill-ewwel.

Bi pjaċir inħabbar li dan il-Gvern jinsab f'pożizzjoni li mill-ewwel ta' Ottubru tas-sena d-dieħla, jibda jipprovdi s-servizz tat-Trasport Pubbliku b'xejn lil kull Malti u Għawdxi u nies residenti f'Malta u Għawdex.

Sur President, b'hekk inkunu t-tieni pajjiż fl-Ewropa fejn it-trasport pubbliku huwa b'xejn.

Dan ifisser li mal-miżuri l-oħra li diġà ħabbart, dak il-ħaddiem li ta' kuljum jagħmel użu mit-trasport pubbliku, ser niffrankawlu 'l fuq minn €300.

Barra minn hekk, wara li l-Gvern ippubblika l-istudji ta' kumpanija internazzjonali dwar it-trasport tal-massa, issa trid tkompli l-konsultazzjoni.

## 6.2 Trasport bil-baħar

Wara s-suċċess li nkiseb permezz tal-fast ferry bejn Malta u Għawdex, il-Gvern ser ikompli bil-ħidma tiegħu biex iżid in-numru ta' mollijiet biex b'hekk ikunu jistgħu jinħolqu rotot alternattivi u b'hekk titnaqqas id-dipendenza fuq il-vetturi privati. Għalhekk ser jitlesta il-bini tal-mollijiet f'Tas-Sliema u Bormla, bini mill-ġdid tal-mollijiet u promenade ġdid bejn il-Birgu u l-Kalkara u bini mill-ġdid tal-breakwater ta' Buġibba.

## 6.3 Tiżdied l-għotja finanzjarja biex ninċentivaw ix-xiri ta' vetturi li jniġġżu anqas

L-għotja finanzjarja biex ninċentivaw ix-xiri ta' vetturi ġodda li jaħdmu bl-elettriku jew inkella Plug-In Hybrids ser tiżdied bi €3,000 minn l-għada tal-baġit. Minn €8,000 għal xiri ta' karozzi elettriċi jew plug-in hybrids din sa titla' għal €11,000, u titla' sa €12,000 f'każ li se tiġi użata l-iskema tal-iskrappjar tal-vetturi wkoll.

## 6.4 Tiżdied l-għotja finanzjarja fuq skrappjar ta' vetturi li jħammġu f'Għawdex

L-għotja finanzjarja tal-iskema ta skrappjar ta' vetturi li jħammġu se tiżdied b'€1,000 biex issa din se titla' għal €2,000.

## 6.5 Estiżi l-iskemi l-oħra favur vetturi li jniġġżu anqas

Ser nestendu għal sena oħra, dawk il-miżuri marbutin ma' xiri ta' vetturi elettriċi li jinkludu ħelsien mit-taxxa ta' reġistrazzjoni u eżenzjoni mill-ħlas tal-liċenzja annwali tat-triq għal perjodu ta'

5 snin mid-data tal-ewwel reġistrazzjoni, għal vetturi elettriċi u vetturi elettriċi plug-in.

Mill-ewwel tas-sena tal-2023, il-capping tal-vetturi plug-in hybrids ser titla' minn 30 kilometru awtonomija fuq il-batterija għal 50 kilometru.

Ir-rata speċjali applikabbli għal djar residenzjali biex individwi li għandhom vettura li taħdem bl-elettriku u matul il-lejl ikunu jridu jiċċarġjaw il-batterija ukoll, ser tibqa' fis-seħħ.

L-iskemi fejn qed tingħata għotja ekwivalenti għal rifużjoni sħiħa tal-VAT fuq roti u roti elettroniċi, ser terġa' tiġi estiża. L-istess jgħodd għall-iskema li tinċentiva x-xiri ta' muturi, scooters, pedelecs u roti assistiti b'mutur tal-elettriku u l-għotja għal min jaqleb il-vettura tiegħu biex taħdem bil-gass minflok bil-petrol.

L-iskema għall-vetturi aċċessibbli b'wheelchair li jintużaw għall-ġarr ta' passiġġieri bil-kiri jew b'kumpens ser tiġġedded ukoll.

## 6.6 Skema għall-vetturi li jiġu installati l-pannelli fotovoltajiċi

Ser inniedu skema ġdida fejn vetturi bħal minibuses, coaches u trakkijiet li fuqhom jiġu installati l-pannelli fotovoltajiċi, jingħataw għotja sa massimu ta' €900.

## 6.7 Għotji għal min inaqqas l-emissjonijiet

Ser inkun qed inniedi skema biex inħajru operaturi ta' minibuses u coaches kif ukoll trakkijiet biex inaqqsu l-emissjoni tad-duħħan mill-vetturi tagħhom permezz ta' installazzjoni ta' filtri tal-partikuli tad-diżil (DPF) u ta' sistemi ta' tnaqqis katalitiku selettiv (SCR).

## 6.8 Nassistu l-intrapriżi biex ibiddlu vetturi li jaħdmu bil-fjuwil għal vetturi elettriċi ġodda

It-tranżizzjoni għal industrija iktar sostenibbli tirrikjedi investiment f'soluzzjonijiet ta' mobilità u distribuzzjoni bi trasport nadif. Għalhekk, il-Malta Enterprise se tniedi skema maħsuba biex tassisti intrapriżi jibdlu vetturi li jaħdmu bil-fjuwil għal vetturi li jaħdmu b' mod elettriku u soluzzjonijiet oħra. L-iskema ser tkun qed tkopri parti mid-differenza fl-ispiża ta' bejn vetturi li jaħdmu bil-fjuwil u vetturi li jaħdmu b'mod elettriku.

L-intrapriżi ser ikunu qed jibbenefikaw minn din l-iskema meta jibdlu vetturi eżistenti għal vetturi elettriċi ġodda.

## 6.9 Charging Points

L-għan ta' dan il-Gvern huwa li mhux biss ninċentivaw imma wkoll naġevolaw il-qalba għal vetturi li ma jniġġżux madwar Malta u Għawdex. Dan nistgħu nagħmluh billi ninvestu f'infrastruttura ta' charging points aktar b'saħħitha. Fit-tliet snin li ġejjin ser inkunu qed ninstallaw madwar 1,200 charging point fil-pajjiż kollu. Qed nagħmlu dan għaliex huwa kruċjali li nkomplu naħdmu biex nilħqu l-miri tagħna ta' dikarbonizzazzjoni.

## 6.10 Diġitalizzazzjoni fir-Reġistrar ta' Vetturi u Vapuri

Il-Gvern ser ikun qed jinvesti biex jibdel is-sistema tar-reġistrazzjoni tal-vetturi fejn ta' kull sena jiġu rreġistrati medja ta' 800 vettura fix-xahar. Ser tkun qed tinbidel ukoll is-sistema tal-Vessel Tracking System għal waħda aktar moderna, li ser tkun qed taqdi il-ħtiġijiet kemm ta' Transport Malta, responsabbli mis-sigurtà fil-portijiet, kif ukoll tal-Armata. Barra minn hekk, ser inkunu qed nagħmlu investiment diġitali, biex jimmodernizza r-reġistru tal-vapuri, biex b'hekk Malta tkompli ssaħħaħ postha fil-qasam marittimu.

## 6.11 L-Immaniġġjar tar-Riżorsi

### *6.11.1 L-iskart*

Fil-qasam tal-immaniġġjar tal-iskart, ser inkomplu bil-ħidma tagħna fuq il-kullana ta' proġetti multimiljunarji li flimkien jagħmlu l-EcoHive li huwa l-akbar investiment li qatt sar fl-immaniġġjar tal-iskart ġewwa pajjiżna. Minkejja li l-infrastruttura preżenti hija limitata meta mqabbla ma' fejn irridu naslu fis-snin li ġejjin, diġà qed naraw titjib konsiderevoli fir-rati tar-riċiklaġġ, bis-sena 2021 tkun l-aħjar waħda fl-aħħar 19-il sena.

L-impjant tal-Waste to Energy li huwa parti minn din il-kullana ta' proġett b'investiment ta' madwar €200 miljun se jkun qed jassorbi l-ikbar investiment iżda qed inżidu wkoll allokazzjoni kapitali oħra biex insaħħu u ntejbu l-infrastruttura li għandha l-kumpanija; dan kollu bħala parti minn proċess ta' ppjanar serju u fit-tul.

Sadanittant, bi sħubija mal-Kunsilli Lokali, ser nibdew nintroduċu smart bins b'aċċess ikkontrollat u b'sorveljanza kontinwa sabiex entitajiet kummerċjali jkunu jistgħu jisseparaw l-iskart f'kull ħin tal-ġurnata.

Hekk kif fiċ-Ċentri għall-Iskart Goff ser tiġi introdotta l-faċilità ta' "Reuse Centres" li ser tippermetti l-użu mill-ġdid ta' oġġetti bħal ġugarelli, ċeramika, kotba u għamara, issa ser nibdew naħsbu wkoll dwar il-possibbiltà li f'pajjiżna jitwaqqaf "Repair Centre." Dan huwa post fejn ċertu tagħmir ikun jista' jissewwa u jerġa' jintuża minflok jintbagħat għar-riċiklaġġ. Fuq dan iċ-Ċentru se jsir studju tal-fattibilità. Minbarra li jipprovdi għat-tiswijiet, Ċentru bħal dan jista' joffri wkoll l-opportunità għat-tpartit ta' oġġetti wżati u anke għat-trasformazzjoni ta' oġġetti għal użu alternattiv, kif magħruf aħjar bħala repurposing/refashioning.

### *6.11.2 L-Enerġija*

Il-Gvern huwa konxju li d-domanda għall-elettriku ġo pajjiżna qiegħda dejjem tiżdied, kemm minħabba t-tkabbir ekonomiku kif ukoll minħabba d-domanda ġdida li qed nistennew li tiżviluppa permezz tal-elettrifikazzjoni tat-transport u anke x-shore-to-ship.

Għalhekk kif ħabbarna aktar kmieni din is-sena, bdejn naħdmu sabiex jiġi installat it-tieni cable interconnector ma' Sqallija. Filwaqt li bħalissa għaddejjin studji sabiex tiġi identifikata l-aktar rotta adekwata għal dan il-cable, matul l-2022 dawn l-istudji ser jintensifikaw għal diversi surveys dettaljati bħalma huma dawk marittimi, ġeofiżiċi, ġeotekniċi, u ambjentali.

Qed nippjanaw għall-għada: bl-avvanzi fit-teknoloġija, l-iżvilupp tal-idroġenu jista' jkun wieħed minn diversi sorsi ta' enerġija nadifa. Wara li assigurajna d-deroga, matul l-2022 ser ikunu qed isiru studji dwar il-fattibilità teknika u finanzjarja ta' trasmissjoni tal-idroġenu b'użu tal-pipeline.

Barra minn hekk, biex intejbu l-kwalità tas-servizz, ser naċċeleraw pjan qawwi ta′ investiment fin-network tad-Distribuzzjoni tal-Enemalta. Se ninvestu fil-livelli varji ta′ vultaġġ u se inkomplu nżidu l-automation fin-network. Nafu li f′network estensiv, hija naturali li nesperjenzaw xi ħsarat. Minkejja dan, kommessi li nqassru kemm in-numru ta′ drabi kif ukoll id-dewmien meta jkun hemm interruzzjonijiet, biex il-pubbliku jinqeda aħjar.

Fl-2009, Gvern Nazzjonalista ħoloq is-sistema ta' kontijiet tad-dawl u l-ilma li għadna nużaw sal-lum. Dan minkejja li jibqa' jipprova jgħid mod ieħor. Minn dak iż-żmien 'l hawn l-ARMS baqgħet tħaddem l-istess sistema u nbidlu biss it-tariffi meta raħħasna l-kontijiet fl-2013. Hemm ukoll ruling tar-Regolatur għas-Servizzi tal-Energija u l-Ilma li jikkonferma li l-kontijiet qed jinħadmu kif suppost u skont il-liġi.

Minkejja dan, konxji li hemm il-kritika għal din is-sistema. Għax smajna dak li jixtiequ n-nies, ser inkunu qed inħabbru sistema ġdida li hija ġusta għal kulħadd mingħajr ma timpatta b'mod negattiv lill-ebda klijent. Għal dan il-għan ser inbiddlu wkoll il-liġi biex inkunu nistgħu ndaħħlu din is-sistema l-ġdida.

Ma għaġġilniex bħalma għamel ħaddieħor bir-riskju li ħafna aktar konsumaturi jispiċċaw jintlaqtu ħażin minħabba xi deċiżjoni għaġġelija.

Permezz ta' din is-sistema ġdida, il-konsumaturi ser ikunu qed iġemmgħu l-units orħos li ma jużawx biex imbagħad ikunu jistgħu jużawhom f'perjodi fejn ikollhom konsum ogħla. L-istrateġija ta' dan il-Gvern hija li nippromwovu konsum bil-għaqal, skont il-pjan nazzjonali għad-dekarbonizzazzjoni u l-mixja tagħna għall-ħajja aktar sostenibbli. B'dak li ser inkunu qed nippreżentaw, il-konsumatur mhux ser isib ruħu b'xi kont sorpriża fl-aħħar tas-sena, mhux ser ikun hemm telf fil-Feed-In Tariff, u fuq kollox, ħadd mhu ser ikun qed jitlef mill-Eco-Reduction.

### *6.11.3 L-ilma*

Ser tibda topera l-ewwel reverse osmosis iddisinjata mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, ġewwa Ħondoq ir-Rummien f'Għawdex, b'investiment ta' madwar €11-il miljun.

Ser inkomplu bil-proġett biex nestendu n-netwerk tan-New Water kif ukoll bit-tisħiħ fis-sistema tad-drenaġġ fit-Tramuntana u n-Nofsinhar ta' Malta li ser jgħin biex nilqgħu għad-domanda u ntejbu l-ambjent marittimu permezz ta' trattament tad-drenaġġ iktar reżiljenti.

It-tisħiħ tal-impjant għat-tisfija ta' drenaġġ f'Sant Antnin waslu fl-aħħar stadji, u bdew isiru testijiet bi preparazzjoni għall-ikkummissjonat tiegħu.

### *6.11.4 Ikel, Biedja u Sajd*

Wara li din is-sena waqqafna Aġenzija responsabbli mill-ikel, ser inkunu qed niżviluppaw politika nazzjonali għal katina ta' ikel iktar b'saħħitha bl-għan li negħlbu l-isfidi u noħolqu opportunitajiet fid-diversi oqsma li jmissu mal-produzzjoni tal-ikel.

Sabiex ninċentivaw aktar raba' jinħadem b'mod effettiv mill-bdiewa u nżidu l-produzzjoni organika f'pajjiżna, ser inkunu qed nagħtu inċentivi lis-sidien tal-artijiet sabiex jidħlu f'arranġament ma' bdiewa li jixtiequ jaħdmu l-art għall-produzzjoni organika.

Wara li din is-sena wettaqna r-riforma fil-Pitkalija, ser inkunu qed ninvestu fil-faċilitajiet meħtieġa biex inkunu nistgħu nbigħu l-frott u l-ħaxix tal-bdiewa tagħna b'mod li jkun ippakkjat u preżentat aħjar, skont standards tas-suq u biex jintgħaraf minn prodotti oħrajn. Ser nassistu wkoll lill-bdiewa biex itejbu l-kwalità tal-prodotti tagħhom u jiksbu ċertifikazzjoni.

Sabiex niżguraw li ma jkunx hemm frodi fil-bejgħ tal-prodott agrikolu Malti, ser inkunu qed insaħħu l-kontroll fil-Malta Food Agency billi nistabbilixxu Unit ta' infurzar.

Ser inkunu qed inwettqu proġetti li jtejbu l-infrastruttura ta' pilastri li joffru s-servizzi tad-dawl u l-ilma ġewwa l-portijiet tas-sajjieda, kif ukoll intejbu l-faċilitajiet tal-Landing Sites ġewwa Għawdex.

Sabiex nimmassimizzaw l-użu ta' art agrikola għall-produzzjoni tal-ikel filwaqt li nilħqu l-miri tal-istrateġija Farm to Fork, ser inkunu qed inniedu inizjattiva għal carbon farming. Permezz ta'

din l-inizjattiva ser nagħtu grants sa massimu ta' €8,000 biex ninċentivaw bdiewa li għandhom raba' agrikola li mhix tinħadem jew li bħalissa hija barra mill-produzzjoni jew taħt produzzjoni b'valur baxx sabiex jaqilbuha f'sistemi ta' Agroforestrija bbażata fuq siġar tal-frott. Aktar dettall jingħata meta tiġi varata l-iskema.

## 7. Malta B'Saħħitha

Sur President, minkejja l-isfidi li affaċċjajna waqt il-pandemija globali, il-Gvern baqa' viżibilment kommess li jissalvagwardja s-saħħa u s-sigurta` tal-poplu Malti u Għawdxi kollu, permezz tal-akkwist f'waqtu ta' vaċċini effettivi kontra l-Covid-19. Il-Gvern ser ikompli bil-ħidma tiegħu sabiex tingħata l-booster ta' dan il-vaċċin, skont il-parir tal-Awtoritajiet tas-Saħħa.

Għas-sena d-dieħla, il-proġett tal-bini l-ġdid tal-Outpatients kif ukoll ix-xogħol f'diversi Ċentri tas-Saħħa ser jibqgħu prijorità.

Ser ninvestu fl-estensjoni tal-proġett tal-bini ta' bank tad-demm ġdid, flimkien ma' ċentru speċjalizzat għall-kollezzjoni tad-demm, ipproċessar u l-ħażna tat-tessuti u ċelloli staminali.

Ser ninvestu wkoll fl-infrastruttura tad-Dipartiment tal-Inċidenti u l-Emerġenza u l-Medical Imaging Department kif ukoll fit-tielet Cardiac Catherisation Suite. Ser isir ukoll investiment f'MR Linac - liema tagħmir ser ikun qed joffri kura avvanzata f'dan il-ġeneru ta' trattament kif ukoll kura fi żmien iqsar, għal ċerti tipi ta' kanċer.

Is-sena d-dieħla f'Mater Dei, ser jinkrew faċilitajiet addizzjonali sabiex id-domanda dejjem tikber għal servizzi ta' kura akuta u elettiva jiġu indirizzati bl-iktar mod effiċjenti u effettiv.

### 7.1 Saħħa Mentali

Il-Gvern ser ikompli jsegwi mill-qrib il-proġett tal-bini tal-Isptar il-ġdid tal-Kura Psikjatrika Akuta, viċin l-Isptar Mater Dei. Ser

tkun qed tinkera faċilità għal sptar tal-psikjatrija akuta sakemm jitlesta l-isptar il-ġdid.

B'koerenza għall-Istrateġija tas-Saħħa Mentali, il-Gvern hu impenjat li jqarreb is-servizzi relatati mal-kura mentali lejn il-klijent. Dan ser iseħħ permezz ta' żieda fil-kapaċità tas-servizzi offruti mill-Isptar Monte Karmeli li mistennija tissarraf f'għadd ta' inizjattivi li jwieżnu għejxien assistit fil-komunità. Sadanittant, ser ikompli għaddej l-immodernizzar tas-swali tal-Isptar Monte Karmeli.

## 7.2 Servizzi tas-Saħħa Addizzjonali

Ir-'Remote Patient Monitoring' - proġett pilota li kien introdott biex isir monitoraġġ regolari u kontinwu tal-livell taz-zokkor fit-tfal taħt is-sittax-il sena li jbatu mid-Dijabete Tip I - ser jibqa' jkun sostnut u gradwalment estiż għaż-żgħażagħ ta' bejn is-17 u l-21 sena li jbatu mill-istess kundizzjoni.

Titjib fil-kwalità tal-ħajja ser jarawh ukoll dawk il-persuni adulti li twieldu b'nuqqas ta' smigħ u li ser jibqgħu jingħataw żewġ hearing aids, meta klinikament indikat.

Il-Gvern ser ikompli jikkollabora mal-Hospice Malta sabiex jibda jingħata servizz ta' kura paljattiva miċ-Ċentru San Mikiel lil pazjenti li sfortunatament ikunu morda b'kanċer terminali.

## 7.3 Sport

Is-sena d-dieħla Sport Malta ser tkompli tinvesti f'aktar faċilitajiet sportivi fosthom fil-Kumpless tal-Marsa, il-pixxina ta' daqs

olimpiku f'Bormla u ser isir xogħol fuq il-pitch tal-waterpolo f'Marsaskala, il-Belt u Marsaxlokk. Ser isir ukoll grawnd tal-futbol ġdid għall-Imsida St. Joseph.

Għad-dilettanti tal-qdif, Sport Malta ser tinvesti wkoll f'rowing tank nazzjonali iżda wkoll biex ikun jista' jsir it-taħriġ ta' dan l-isport Nazzjonali.

Il-proġett tal-Outdoor Velodrome ser ikun inkorporat mal-fażijiet tal-proġett li għaddej f'Ta' Qali.

Qed jitkompla b'pass imdaqqas, ix-xogħol fuq iċ-Ċentru Akwatiku u Sportiv. Permezz ta' dan l-investiment, Għawdex u l-Għawdxin ser ikunu qed igawdu minn pixxina ta' livell olimpiku kif ukoll padiljun sportiv ġdid fil-qalba tar-Rabat, Għawdex. Dan huwa l-ikbar investiment għall-qasam sportiv li qatt sar għal Għawdex.

Fl-2023, Malta se tkun qed tospita l-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar fejn din is-sena diġà bdew jitqassmu madwar €7 milun f'fondi kemm mill-assoċjazzjonijiet sportivi kif ukoll lill-Kumitat Olimpiku Malti sabiex ikunu investiti u jinkisbu riżultati aħjar.

F'dawn l-aħħar jiem ġie varat il-pjan għal faċilità tal-motorsport b'investiment ta' €20 miljun u b'kollaborazzjoni mal-Malta Motorsport Collaboration.

Ser naraw li l-Kumpless tal-Marsa jkompli jestendi l-faċilitajiet provduti sabiex jakkomoda ċentru tal-ġinnastika fejn l-atleti jkunu jistgħu jwettqu t-taħriġ tagħhom b'faċilitajiet adekwati u siguri.

Dan il-proġett ser ikompli jibni fuq diversi inizjattivi u proġetti sabiex l-atleti lokali jkollhom faċilitajiet tal-ogħla livell.

## 7.4 Il-Kultura u l-Arti

L-oqsma tal-arti, kultura u divertiment huma parti essenzjali mit-tessut soċjali u ekonomiku tal-pajjiż. Il-Gvern ser ikompli jgħin u jinċentiva lill-artisti, lill-produtturi u promoturi ta' attivitajiet artistiċi, kulturali u ta' divertiment sabiex huma wkoll ikomplu jikkontribwixxu b'mod sħiħ lejn l-irkupru artistiku u ekonomiku tas-settur. Għal dan il-għan, bi pjaċir inħabbar dawn il-miżuri:

1. Ir-rata ta' taxxa tad-dħul għall-artisti ser tkun ta' 7.5% u ser tkun tapplika mis-sena bażi ta' 2022.
2. Għal fini ta' taxxa tad-dħul tal-artisti, ser indaħħlu mekkaniżmu li jistabbilixxi d-dħul tal-artisti fuq medja ta' 3 snin.
3. Qegħdin nivvutaw €1 miljun sabiex tinħoloq skema ta' garanzija għall-attivitajiet artistiċi indipendenti bl-iskop li tgħin lill-produtturi u l-promoturi jiġbru spejjeż li ma jkunux jistgħu jiġu rkuprati minħabba r-restrizzjonijiet mhux mistennija li jistgħu jkunu neċessarji jekk jinbidlu ċ-ċirkostanzi.
4. Ser inkomplu nsaħħu l-iskema ta' għajnuna li tingħata għal seats li ma jkunux jistgħu jinbiegħu f'każ ta' restrizzjonijiet ġodda fuq l-avvenimenti. Għal dan il-għan, qegħdin nivvutaw €2 miljun.
5. Ser noħolqu skema ta' għajnuna għal proġetti artistiċi indipendenti li ser titmexxa mill-Kunsill Malti għall-Arti. Għal dan il-għan qegħdin nivvutaw €2 miljun.

## 7.5 Il-Qasam tax-Xandir

Fil-qasam tax-Xandir ser jitkompla l-investiment mill-PBS għal TV House moderna li tkun tista' sservi aħjar l-istazzjonijiet tagħha. Fit-tieni fażi ser ikun hemm investiment għal palk tat-televiżjoni u fit-tielet fażi ser ikun hemm l-iżvilupp ta' Malex House b'faċilitajiet ta' produzzjoni biex tilqa' fiha kamra tal-aħbarijiet ġdida flimkien ma' studios tal-aħbarijiet.

## 8. Malta Ġusta

Matul din is-sena komplejna naħdmu biex niżguraw li Malta tikkonforma mar-rakkomandazzjonijiet imressqa mill-Kummissjoni Venezja u Greco.

Wettaqna wkoll riformi li jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-MONEYVAL kif ukoll ħidma biex insaħħu l-istruttura tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi b'miżuri li jipprovdu għall-irkupru tar-rikavat mill-kriminalità b'investiment ta' 'l fuq minn €2.2 miljun.

### 8.1 FATF

Tfassal pjan ta' ħidma sabiex l-awtoritajiet Maltin jindirizzaw il-pjan ta' azzjoni mogħti mill-FATF u li qiegħed iservi ta' linja gwida għall-ħidma tal-awtoritajiet investigattivi fil-pajjiż. Ix-xogħol fuq it-twettiq ta' dan il-pjan ta' azzjoni miexi b'ritmu tajjeb. Huwa mistenni li l-ħidma kollettiva li għaddejja, tagħti r-riżultati mixtieqa.

### 8.2 Ġustizzja

Ser inkomplu naħdmu sabiex l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali jkompli jieħu aktar funzjonijiet ta' prosekuzzjoni addizzjonali f'koordinament mal-Pulizija bil-għan li jiġi żviluppat servizz ta' prosekuzzjoni speċjalizzat fl-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, filwaqt li l-Pulizija tkun iktar iffukata fuq investigazzjoniiet tal-offiżi. B'hekk jiġi offrut servizz ta' prosekuzzjoni ta' kwalità aħjar u nnaqqsu d-dewmien fis-sistema ġudizzjarja kriminali.

Il-proċess tkompla wkoll ftit tal-ġranet ilu permezz tal-Avviż Legali dwar it-Trasferiment tal-Prosekuzzjonijiet li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2021.

Fil-qasam tal-Ġudikatura ġiet estiża l-età tal-irtirar tal-imħallfin u l-maġistrati, kif ukoll, għamilna ħatriet ġodda fil-Bank tal-Ġudikatura.

Fil-qasam tal-Proċedura Ċivili għaddejna liġi bl-għan li tnaqqas ix-xogħol pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell billi tipprovdi għall-possibbiltà li l-qorti fi grad ta' appell tagħti seduta biss f'dawk il-każijiet fejn tqis li dan huwa meħtieġ. Ħsibna sabiex jitnaqqas ix-xogħol pendenti billi jiżdiedu l-kompożizzjonijiet tal-Qrati tal-Appelli Ċivili (Superjuri) sabiex jitħaffef il-proċess dwar l-appelli u ċ-ċittadin jinqeda aħjar u fi żmien raġjonevoli.

## 8.3 Għajnuna Legali

Ser inkomplu ninvestu fl-għajnuna legali sabiex noħolqu sistema diġitali fejn il-klijenti prospettivi eliġibbli għall-għajnuna legali jkunu jistgħu japplikaw onlajn, kif ukoll mis-service hubs ta' servizz.gov li jinsabu fir-reġjuni u rħula madwar Malta.

## 8.4 Sigurtà

Is-sigurtà ser tibqa' waħda mill-pilastri ewlenin ta' dan il-Gvern. Mhux biss importanti li jkollna livell ta' għejxien tajjeb, iżda s-soċjetà tagħna għandna tħossha sigura.

## 8.5 Korpi Dixxiplinati

Matul din is-sena ġew issiġillati l-ewwel sett ta' ftehim kollettivi għal Korpi Dixxiplinati b'investiment ta' 'l fuq minn €15 miljun sabiex issa il-5,000 ħaddiem li jifforma l-Korpi Dixxiplinati għandhom kundizzjonijiet tax-xogħol aqwa u drittijiet ġodda.

Ma' dan qed tiġi implimentata l-istrateġija tat-trasformazzjoni li biha qed isir investiment fl-infrastruttura, f'apparat speċjalizzat, vetturi ġodda u taħriġ tar-riżorsi umani.

## 8.6 Community Policing

Matul is-sena d-dieħla ser jiġi estiż is-servizz tal-Community Policing f'diversi lokalitajiet inkluż f'Ħaż-Żabbar, ix-Xgħajra, Marsaskala, San Ġwann, Ħaż-Żebbuġ, il-Gżira, l-Imsida, Tal-Pietà, il-Mosta, l-Imġarr, iż-Żurrieq, Ħal Safi u Ħal Kirkop.

## 8.7 Forzi Armati ta' Malta

B'investiment ta' madwar €50 miljun għaddej ix-xogħol fuq il-lanċa l-ġdida li qed tinħadem biex tiżdied mal-iskwadra Marittima tal-Forzi Armati. Din il-lanċa ser tkun l-akbar tax-xorta tagħha f'pajjiżna u ser tissaħħaħ is-sorveljanza fl-ibħra Maltin u l-ħarsien tal-fruntieri.

## 8.8 Protezzjoni Ċivili

Il-Protezzjoni Ċivili ser tkompli tinvesti fit-tibdil tal-vetturi fejn ser ikomplu jiġu mixtrija trakkijiet ġodda, vannijiet apposta li jservu tajjeb għat-toroq dojoq ta' pajjiżna, inġenji li bihom il-ħaddiema

jilħqu aħjar il-bini għoli, fit-teknoloġija moderni u fuq kollox fl-ilbies protettiv għall-uffiċjali tagħna.

Il-periklu qatt mhu 'l bogħod għal dawn in-nies tal-Korpi u dmirna hu li ntuhom l-aqwa għodda biex jaħdmu filwaqt li nestendi il-gratitudni ta' din il-Kamra lejn ix-xogħol siewi li jagħmlu.

## 8.9 Il-Faċilità Korrettiva ta' Kordin

Matul din is-sena, l-Aġenzija għas-servizzi korrettivi kompliet issaħħaħ is-servizzi rijabilitattivi, bl-ingaġġ ukoll ta' iżjed professjonijiet mis-settur mediku, psikjatriku u soċjali.

Fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin tlestiet l-ewwel faċilità medika fejn fiha jiġu assistiti b'mod professjonali l-priġunieri mit-tobba u infermiera. Ser jibda jinbena l-ewwel ċentru rijabilitattiv tax-xorta tiegħu fil-konfini tal-faċilità għal madwar 140 persuna.

## 8.10 L-Aġenzija għas-Sapport tal-Vittmi

Matul is-sena li ġejja l-Aġenzija ser tkompli tiġi msaħħa u ser tkompli ttejjeb is-servizzi tagħha fl-oqsma tad-drittijiet lill-vittmi, billi tibqa' tkun aċċessibbli bl-iżjed mod effiċjenti, filwaqt li żżid ukoll il-ħaddiema u professjonisti li jservu fiha.

## 8.11 Proġetti fil-Komunità

Fuq medda ta' 3 snin, aktar minn €3 miljun f'fondi tal-LESA lill-Kunsilli Lokali u l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali qed jintużaw sabiex jitwettqu proġetti fil-lokalitajiet Maltin u Għawdxin.

B’hekk il-Gvern qed jinvesti lura fil-lokalitajiet il-flus iġġenerati mill-kontravenzjonijiet sabiex isiru proġetti ta’ fejda fl-ibliet u l-irħula bil-għan li jitgawdew mill-familji, t-tfal, iż-żgħażagħ u l-anzjani tagħna.

## 8.12 Immigrazzjoni Irregolari

It-tnaqqis fin-numru ta’ wasliet fix-xhur li għaddew kienet riżultat tad-deċiżjonijiet li ħadna b’mod speċjali l-ħidma li segwiet wara li ġie ffirmat ftehim mal-Libja dwar l-immigrazzjoni irregolari s-sena l-oħra.

Il-piż tal-immigrazzjoni irregolari komplejna nindirizzawh permezz tar-ritorn ta’ rejected asylum seekers lejn il-pajjiż tal-oriġini tagħhom u permezz ta’ aktar rilokazzjonijiet ta’ immigranti lejn Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea. Hekk kif tħabbar fil-Baġit tas-sena l-oħra, twaqqfet Returns Unit li hija ffukata speċifikament fuq ir-ritorn ta’ immigranti, kemm dak sfurzat u anke dak volontarju. Bdejna u ser inkomplu nsaħħu r-riżorsi umani tal-Pulizija tal-Immigrazzjoni u tal-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali.

Din l-istrateġija diġà qed tħalli l-frott u bejn Jannar u Settembru 2021 kellna l-akbar ammont ta’ immigranti irregolari li ġew irritornati lejn il-pajjiż tal-oriġini tagħhom sa minn meta għolla rasu l-fenomenu tal-immigrazzjoni irregolari għall-ewwel darba 20 sena ilu.

F’din il-ħidma wkoll irridu nħarsu l-interessi tal-komunitajiet tagħna. Naqqasna drastikament in-numru ta’ nies li jgħixu fiċ-ċentru tal-immigranti tal-Marsa u ninsabu fi stadju avvanzat

sabiex dan iċ-ċentru jingħalaq kompletament. Mhux talli hekk, talli rridu niġġeneraw din iż-żona u nagħmlu mezz li l-faċilitajiet u l-ispazju f'din iż-żona jibdew jintużaw mill-għaqdiet, it-tfal u ż-żgħażagħ. Dan qed nagħmluh mingħajr ma poġġejna piż ġdid fuq lokalitajiet oħra.

## 8.13 Affarijiet Barranin

Is-sena d-dieħla ser tkun sena importanti ferm għall-irwol ta' Malta fin-Nazzjonijiet Magħquda, hekk kif minn Ġunju li ġej ikunu intensifikati t-tħejjijiet sabiex għal sentejn sħaħ, matul l-2023 u l-2024, Malta jkollha siġġu mhux permanenti fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Magħquda.

F'dawn l-aħħar ġimgħat, intbagħtu uffiċjali Diplomatiċi sabiex b'mod gradwali jkunu jistgħu jwaqqfu għall-ewwel darba preżenza Diplomatika fil-Brażil u anke fl-Etjopja.

Investejna bis-sħiħ sabiex nagħtu assistenza umanitarja f'reġjuni milquta minn katastrofi jew kriżi. Għamilna dan kemm ma' pajjiżi ferm imbiegħda minna bħall-Indja u r-Repubblika Dominikana, kif ukoll ma' pajjiżi qrib tagħna bħal-Libja u t-Tuneżija. Dan l-impenn permezz tal-fond għall-Assistenza għall-Iżvilupp ser inkomplu nsostnuh anke matul is-snin li ġejjin.

Matul is-sena li ġejja Malta ser tkompli tkun vuċi importanti favur il-multilateraliżmu. Stat sovran żgħir bħal tagħna jeħtieġ ikompli jisħaq li kunflitti internazzjonali ma jissolvewx bl-inizjattivi ta' pajjiż wieħed waħdu. Minflok nemmnu li wieħed għandu juża l-pjattaforma ta' organizzazzjonijiet internazzjonali sabiex naslu għal kompromessi favur il-paċi.

## 8.14 Ħarsien u Drittijiet tal-Annimali

Biex inkomplu nuru l-impenn tal-Gvern favur il-ħarsien u drittijiet tal-annimali, is-sena d-dieħla ser inħejju strateġija nazzjonali għall-ħarsien u t-trattament xieraq tal-annimali.

Matul is-sena d-dieħla, se nibdew nesploraw il-possibbiltà li jinfetaħ rehoming centre modern għall-adozzjoni tal-annimali, inkluż annimali li jgħixu fit-toroq.

## 8.15 Ugwaljanza

